# KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
# TRSTENJAK
# ippreżentati fil-25 ta' Mejju 2011 [1]

## Werrej

I — Introduzzjoni ..... I - 11239

II — Id-dritt tal-Unjoni ..... I - 11240

A — Id-dritt primarju ..... I - 11240

B — Id-dritt sekondarju ..... I - 11240

1. Deċiżjoni 2000/597/KE, Euratom ..... I - 11240

2. Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ..... I - 11242

3. Regolament (KE) Nru 1798/2003 ..... I - 11243

III — Il-fatti ..... I - 11245

IV — Il-proċedura prekontenzjuża ..... I - 11247

V — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet ..... I - 11248

VI — L-argumenti prinċipali tal-partijiet ..... I - 11249

VII — Evalwazzjoni ġuridika ..... I - 11253

A — Osservazzjonijiet preliminari ..... I - 11253

B — Is-sistema tar-riżorsi proprji taħt id-Deċiżjoni 2000/597 ..... I - 11254

C — Il-kompetenzi ta' verifika tal-Qorti tal-Awdituri ..... I - 11258

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

1. L-għan, il-portata u l-limiti tal-kompetenzi ta' verifika tal-Qorti tal-Awdituri ..... I - 11258

a) Il-setgħa li jiġi vverifikat jekk l-atti tal-istituzzjonijiet u tal-Istati Membri tal-Unjoni għandhomx rabta diretta suffiċjenti mad-dħul jew mal-infiq tal-Unjoni ..... I - 11258

b) Il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni bħala restrizzjoni għall-kompetenza fil-kuntest tal-verifika tal-atti tal-Istati Membri mill-Qorti tal-Awdituri ..... I - 11259

c) L-obbligu li jiġu osservati l-prinċipju ta' sussidjarjetà u l-prinċipju ta' proporzjonalità ..... I - 11263

i) Il-prinċipju ta' sussidjarjetà ..... I - 11263

ii) Il-prinċipju ta' proporzjonalità ..... I - 11265

2. Il-kriterji ta' verifika għall-verifika tal-kontijiet mill-Qorti tal-Awdituri ... I - 11266

3. Konklużjoni provviżorja ..... I - 11268

D — Il-kompetenza tal-Qorti tal-Awdituri biex tivverifika l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud abbażi tar-Regolament Nru 1798/2003 ..... I - 11268

1. Il-verifika tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud abbażi tar-Regolament Nru 1798/2003 għandha rabta diretta suffiċjenti mad-dħul tal-Unjoni ... I - 11269

2. Fuq l-osservanza tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u tal-prinċipju ta' proporzjonalità ..... I - 11272

a) Fuq l-osservanza tal-prinċipju ta' sussidjarjetà ..... I - 11273

b) Fuq l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità ..... I - 11274

E — Fuq in-nuqqas tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja li twettaq l-obbligi ta' kooperazzjoni li hija għandha fil-konfront tal-Qorti tal-Awdituri ..... I - 11278

VIII — Sinteżi ..... I - 11280

IX — Fuq l-ispejjeż ..... I - 11281

X — Konklużjoni ..... I - 11281

## I — Introduzzjoni

1. Din il-kawża għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat mill-Kummissjoni Ewropea abbażi tal-Artikolu 258 TFUE, li permezz tiegħu hija titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, billi rrifjutat li tippermetti lill-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea tivverifika, fil-Ġermanja, il-kooperazzjoni transkonfinali tal-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem, ukoll, il-"VAT"), ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-dritt tal-Unjoni.

2. Mil-lat proċedurali, din il-kawża għandha l-karatteristika partikolari li l-Kummissjoni bdiet proċedura ta' ksur kontra Stat Membru minħabba li dan naqas li josserva s-setgħat ta' verifika kkonferiti lill-Qorti tal-Awdituri. Minkejja li fl-imgħoddi hija kienet espressament talbet li tiġi rikonoxxuta lilha possibbiltà ta' rikors sabiex issostni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod awtonomu, id-drittijiet u l-prerogattivi tagħha b'relazzjoni għall-Istati Membri [2], il-Qorti tal-Awdituri lanqas wara l-aħħar reviżjoni, mit-Trattat ta' Lisbona, tas-sistema ta' rimedji fid-dritt tal-Unjoni, ma għandha possibbiltà ta' rikors dirett kontra l-Istati Membri li jkunu naqsu milli josservaw il-kompetenzi ta' verifika tagħha [3]. Anzi, il-Qorti tal-Awdituri hija obbligata tindika tali ksur lill-Kummissjoni sabiex din tkun tista', bħal f'dan il-każ, tibda kontra l-Istat Membru kkonċernat proċedura ta' ksur abbażi tal-Artikolu 258 TFUE li fiha l-Qorti tal-Awdituri tista' sussegwentement tipparteċipa bħala intervenjenti.

3. Din il-kawża toffri lill-Qorti tal-Ġustizzja l-okkażjoni sabiex tippreċiża, permezz tal-eżempju ta' pjan ta' verifika konkret, il-portata u l-għan tas-setgħat tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tal-verifika tal-azzjoni tal-Istati Membri. F'dan il-każ, fil-fatt din hija l-ewwel proċedura ta' ksur li hija r-riżultat ta' rifjut ta' Stat Membru li jippermetti li fit-territorju

2 — Ara, b'mod partikolari, ir-Rapport tal-Qorti tal-Awdituri lill-Grupp ta' Riflessjoni dwar il-Funzjonament tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea tal-1995 (*Revue trimestrielle de droit européen*,1995, p. 689, punt 2.6).

3 — F'dan il-kuntest, għandu jiġi enfażizzat, b'mod ġenerali, li t-Trattat ta' Lisbona ma kellux l-għan li jirriforma s-sistema tar-rimedji fid-dritt tal-Unjoni Ewropew u li s-sistema preeżistenti essenzjalment inżammet ftit jew wisq kif kienet. Dwar dan il-punt, ara A. Thiele, "Das Rechtsschutzsystem nach dem Vertrag von Lissabon – (K)ein Schritt nach vorn?", EuR 2010, p. 30 sa 51. Il-Qorti tal-Awdituri setgħet ingħatat possibbiltà ta' rikors awtonomu kontra l-Istati Membri mingħajr ma tiġi sfrattata l-istruttura l-ġdida tat-TFUE. B'hekk, pereżempju, fl-Artikolu 271 TFUE, billi tiġi inserita ittra (e) ġdida, seta' jiġi ppruvdut li l-Qorti tal-Awdituri għandha d-dritt tippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu abbażi tal-Artikolu 258 TFUE kontra Stat Membru minħabba ksur tal-prerogattivi ta' aċċess u ta' verifika tagħha skont l-Artikolu 287 TFUE. Ara, f'dan ir-rigward C. Friedrich/J. Inghelram, "Die Klagemöglichkeiten des Europäischen Rechnungshofs vor dem Europäischen Gerichtshof", DÖV 1999, p. 669, b'mod partikolari p. 676.

tiegħu ssir verifika prevista mill-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tad-dħul tal-Unjoni u li jassisti lill-imsemmija qorti biex tagħmel dan.

4. Id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li jintervjeni għall-ewwel darba insostenn tal-Kummissjoni fi proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra Stat Membru tixhed l-importanza istituzzjonali ta' dan il-każ.

## II — Id-dritt tal-Unjoni [4]

### A — *Id-dritt primarju*

Fid-dritt primarju, is-setgħat tal-Qorti tal-Awdituri ġew stabbiliti fl-Artikolu 248 KE.

### B — *Id-dritt sekondarju*

1. Id-Deċiżjoni 2000/597/KE, Euratom

5. L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/597/KE, Euratom, tad-29 ta' Settembru 2000, dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom [proprji] tal-Komunitajiet Ewropej [5] jipprovdi:

"1. Dħul minn dawn li ġejjin għandu jikkostitwixxi riżorsi tagħhom [proprji] mdaħħla fil-budget ta' l-Unjoni Ewropea:

(a) imposti, premiums, ammonti addizzjonali u kompensatorji, ammonti jew fatturi addizzjonali u dazji oħra stabbiliti jew li se jkunu stabbiliti mill-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet rigward kummerċ ma' pajjiżi li m'humiex membri fl-ambitu tal-politika agrikola komuni, u wkoll kontribuzzjonijiet u dazji oħra pprovdut għalihom fl-ambitu ta' l-organizzazzjoni komuni tas-swieq taz-zokkor;

(b) Tariffi Doganali Komuni u dazji oħra stabbiliti jew li se jkunu stabbiliti mill-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet rigward kummerċ ma' pajjiżi li mhumiex membri

4 — Abbażi tal-kliem użat fit-TUE u fit-TFUE, se tintuża l-espressjoni "dritt tal-Unjoni" sabiex ikun indikat kemm id-dritt Komunitarju kif ukoll id-dritt tal-Unjoni. Id-dispożizzjonijiet differenti tad-dritt primarju ċċitati huma dawk li kienu applikabbli *ratione temporis*.

5 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 200 (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni 2000/597").

u dazji doganali dwar prodotti ġejjin taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Faħam u l-Azzar Ewropea;

(c) l-applikazzjoni ta' rata uniformi valida għall-Istati Membri kollha biex tarmonizza il-bażijiet tal-assessjar tal-VAT skont ir-regoli tal-Komunità. Il-bażi ta' l-assessjar li għandha titqies għal dan l-iskop m'għandhiex taqbeż il-50 % tal-[prodott gross nazzjonali (PGN)] għal kull Stat Membru, kif definit fil-paragrafu 7;

(d) l-applikazzjoni ta' rata - li għandha tkun stabbilita bis-saħħa tal-proċedura tal-budget fid-dawl tat-total tad-dħul l-ieħor kollu - għas-somma tal-GNP [PGN] ta' l-Istati Membri kollha.

[…]

4. Ir-rata uniformi li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 1(c) għandha tikkorrispondi mar-rata li tirriżulta mid-differenzi bejn:

(a) ir-rata massima tas-sejħa tar-riżorsa tal-VAT, li hija ffissata għal:

0,75 % fl-2002 u fl-2003,

0,50 % mill-2004 'il quddiem

u

(b) rata ('rata ffriżata') ekwivalenti għall-proporzjon bejn l-ammont tal-kompensazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 4 u s-somma tal-bażijiet tal-assessjar tal-VAT (stabbiliti skont il-paragrafu (1)(c)) tal-Istati Membri kollha, waqt li tikkonsidra l-fatt li r-Renju Unit huwa eskluż mill-iffinanzjar tal-korrezzjoni tiegħu u li s-sehem tal-Awstrija, il-Ġermanja, l-Olanda u l-Isvezja fl-iffinanzjar tal-korrezzjoni tar-Renju Unit huwa ridott għal kwart tal-valur normali tiegħu.

5. Ir-rata ffissata taħt il-paragrafu 1(d) għandha tapplika għall-GNP ta' kull Stat Membru.

[…]

7. Għall-iskopijiet tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, GNP għandha tfisser [id-dħul gross nazzjonali (DGN)] għas-sena fi prezzijiet tas-suq kif ipprovdut mill-Kummissjoni fl-applikazzjoni ta[s-sistema Ewropea ta' kontijiet ekonomiċi integrati (SEK 95)] skond ir-Regolament (KE) Nru 2223/96.

Jekk modifikazzjonijiet għall-ESA [SEK] 95 jirriżultaw f'tibdil sinifikanti fil-GNI [DGN] kif ipprovdut mill-Kummissjoni, il-Kunsill, waqt li jaġixxi unanimament dwar proposta tal-Kummissjoni u wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew, għandu jiddeċiedi jekk dawn il-modifikazzjonijiet għandhomx japplikaw għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni."

6. L-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni 2000/597 jipprovdi kif ġej:

"1. Ir-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2(1)(a) u (b) għandhom ikunu miġbura mill-Istati Membri skond id-dispożizzjonijiet nazzjonali imposti bil-liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva, li għandhom, fejn xieraq, ikunu adottati biex jissodisfaw il-kondizzjonijiet tar-regoli tal-Komunità.

[…]

L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-Kummissjoni r-riżorsi pprovdut fl-Artikolu 2(1)(a) sa (d).

2. Mingħajr preġudizzju għall-verifika tal-kontijiet u għall-iċċekkjar li huma skont il-liġi u regolari kif preskritt fl-Artikolu 248 tat-Trattat KE u l-Artikolu 160Ċ tat-Trattat Euratom, tali verifika u ċċekkjar billi huma prinċipalment konċernati ma' l-affidabilità u l-effettività tas-sistemi nazzjonali u l-proċeduri għad-determinazzjoni tal-bażi ta' riżorsi tagħhom li joħorġu mill-VAT u l-GNP [PGN] u mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti ta' ispezzjoni magħmula bis-saħħa tal-Artikolu 279(c) tat-Trattat KE u l-Artikolu 183 il-punt (c) tat-Trattat Euratom, il-Kunsill għandu, waqt li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni u wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew, jadotta id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex japplika din id-Deċiżjoni u biex jagħmel possibbli l-ispezzjoni tal-kollezzjoni, l-għemil disponibbli lill-Kummissjoni u l-pagament tad-dħul li hemm referenza għalih fl-Artikoli 2 u 5 [u dawk dwar il-verifika tal-irkupru, dwar it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u dwar il-ħlas tad-dħul imsemmi fl-Artikoli 2 u 5]."

2. Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002

7. L-Artikolu 140 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, tal-25 ta' Ġunju 2002, rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [6] jipprovdi:

"1. L-eżaminazzjoni mill-Qorti ta' l-Awdituri dwar jekk l-introjtu kollu kienx riċevut u n-nefqa kollha kienetx minfuqha f'manjiera legali u xierqa għandha tqis id-dispożizzjonijiet tat-Trattati, tal-*budget*, ta' dan ir-Regolament, tar-regoli ta' l-implimentazzjoni u l-atti l-oħra kollha permezz tat-Trattati.

2. Fit-twettieq tad-doveri tagħha, il-Qorti ta' l-Awdituri hija ntitolata li tikkonsulta, fil-manjera li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 142, id-dokumenti u l-informazzjoni kollha li jirrigwardjaw l-amministrazzjoni finanzjarja tad-dipertimenti jew tal-korpi fir-rigward ta' l-operazzjonijiet iffinanzjati jew ko-finanzjati mill-Komunitajiet. Għandha jkollha l-poter li tgħamel inkjesti dwar kwalunkwe uffiċjal responsabbli għall-operazzjoni ta' l-introjtu jew tan-nefqa u li tuża kwalunkwe proċeduri xierqa ta' l-awditjar fuq id-dipartimenti jew korpi msemmija hawn fuq. L-awditjar fl-Istati Membri għandu jkun imwettaq b'konnessjoni ma' l-istituzzjonijiet nazzjonali ta' l-awditjar

6 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 74.

jew, jekk dawn ma jkollhomx il-poteri meħtieġa, mad-dipartimenti nazzjonali responsabbli. Il-Qorti ta' l-Awdituri u l-korpi nazzjonali ta' l-awditjar ta' l-Istati Membri għandhom jikkoperaw fl-ispirtu tal-fiduċja waqt li jżommu l-indipendenza tagħhom.

[…]"

8. Skont l-Artikolu 142(1) tar-Regolament Nru 1605/2002:

"Il-Kummissjoni, l-istituzzjoniet l-oħra, il-korpi li jamministraw l-introju u n-nefqa f'isem tal-Komunitajiet u l-benefiċjarji finali tal-pagamenti mill-*budget* għandhom jagħtu lill-Qorti ta' l-Awdituri il-faċilitajiet kollha u jagħtuhom l-informazzjoni kollha li l-Qorti ta' l-Awdituri tqis li tkun meħtieġa għat-twettieq tad-doveri tagħha. Huma għandhom jagħmlu għad-dispożizzjoni tal-Qorti ta' l-Awdituri id-dokumenti kollha li jikkonċernaw l-għoti u t-twettieq ta' kuntratti ffinanzjati mill-*budget* tal-Komunità u tal-kontijiet kollha tal-flus u materjali, tar-reġistri kollha tal-kontijiet u tad-dokumenti bħala sostenn, u wkoll id-dokumenti amministrattivi kollha relatati magħhom, id-dokumenti kollha relatati ma l-introjtu u n-nefqa, l-inventarji kollha, il-grafika ta' l-organizzazzjoni kollha tad-dipartiment, li l-Qorti ta' l-Awdituri tħoss li jkunu meħtiġa għall-awditjar tar-rapport tal-*budget* u l-attività finanzjarja fuq il-bażi tar-reġistri jew fuq il-post, u għall-istess skopijiet, id-dokumenti u l-informazzjoni kollha maħluqa jew maħżuna fuq medja manjetika.

Il-korpi l-oħra tas-servizzi jew ta' l-awditjar intern ta' l-amministrazzjonijiet nazzjonali kkonċernati għandhom joffru lil-Qorti ta' l-Awdituri il-faċilitajiet kollha li hi tqis li jkunu meħtieġa għat-twettieq tad-doveri tagħha.

L-ewwel subparagrafu għandu jkun japplika wkoll għal persuni naturali jew legali li jirċievu pagamenti mill-*budget* tal-Komunità."

3. Ir-Regolament (KE) Nru 1798/2003

9. L-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1798/2003, tas-7 ta' Ottubru 2003, dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru. 218/92[7] jipprovdi:

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li bihom l-awtoritajiet amministrattivi fl-Istati Membri responsabbli għall-applikazzjoni tal-liġijiet dwar il-VAT

7 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 392.

għall-provvisti ta' oġġetti u servizzi, għall-akkwist intra-Komunitarju ta' oġġetti u għall-importazzjoni ta' oġġetti għandhom jikkoperaw flimkien u mal-Kummissjoni biex jiżguraw konformità ma' dawn il-liġijiet.

Għal dak il-għan, huma stabbiliti regoli u proċeduri biex jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri biex jikkoperaw u jibdlu informazzjoni bejniethom li tista' tgħinhom biex jagħmlu valutazzjoni korretta tal-VAT.

Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll regoli u proċeduri għall-iskambju ta' ċerta informazzjoni b'mezzi elettroniċi, b'mod partikolari fir-rigward ta' VAT fuq transazzjonijiet intra-komunitarji.

[…]"

10. Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament Nru 1798/2003, kull Stat Membru għandu jaħtar uffiċċju ċentrali ta' kollegament wieħed li r-responsabbiltà prinċipali, fis-sens ta' ħatra, hija l-kuntatti ma' Stati Membri oħra fil-qasam tal-kooperazzjoni amministrattiva u għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'dan.

11. L-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1798/2003 jipprovdi:

"1. Fuq talba ta' l-awtorità rikjedenti, l-awtorità rikjesta għandha tikkomunika l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1, inkluża kull informazzjoni relatata ma' każ jew każijiet speċifiċi.

2. Għall-iskop ta' trasmissjoni ta' l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità rikjesta għandha tirranġa għat-tmexxija ta' kull inkjesta amministrattiva neċessarja biex tinkiseb din l-informazzjoni.

3. It-talba msemmija fil-paragrafu 1 tista' tinkludi talba raġonevoli għal inkjesta amministrattiva speċifika. Jekk l-Istat Membru jikkunsidra li l-ebda inkjesta mhi neċessarja, għandu jinforma immedjatament lill-awtorità rikjedenti bir-raġunijiet għal dan.

4. Sabiex tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa jew sabiex tmexxi l-inkjesta amministrattiva mitluba, l-awtorità rikjesta jew l-awtorità amministrattiva li għaliha għandha rikors [li saritilha talba mingħand din tal-aħħar] għandha tipproċedi bħallikieku qed taġixxi għaliha jew fuq talba ta' awtorità oħra fl-Istat Membru tagħha."

12. L-Artikolu 35(1) tar-Regolament Nru 1798/2003 jipprovdi:

"L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jeżaminaw u jivvalutaw kif qiegħdin jaħdmu l-arranġamenti għal koperazzjoni

amministrattiva pprovduti f'dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tiċċentralizza l-esperjenza ta' l-Istati Membri bil-għan li ttejjeb l-operazzjoni ta' dawn l-arranġamenti."

13. L-Artikolu 43(1) tar-Regolament Nru 1798/2003 jistipula kif ġej:

"Għall-iskop ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex:

(a) jiżguraw kordinazzjoni interna effettiva bejn l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 3;

(b) jistabbilixxu koperazzjoni bejn l-awtoritajiet awtorizzati għall-iskop ta' din il-koperazzjoni;

(c) jiżguraw funzjonament tajjeb ta' l-arranġamenti għal skambju ta' informazzjoni pprovduti f'dan ir-Regolament."

**III — Il-fatti**

14. B'ittra tas-26 ta' Ġunju 2006, il-Qorti tal-Awdituri informat lill-Qorti tal-Awdituri Federali Ġermaniża li hija kienet qed tipprevedi li tagħmel żjara ta' verifika mill-10 sat-13 ta' Ottubru 2006. Il-verifika kellha tirrigwarda l-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud abbażi tar-Regolament Nru 1798/2003 u l-miżuri ta' implementazzjoni rilevanti. L-għan ċentrali kien li jiġi ddeterminat jekk l-Istati Membri kinux stabbilew l-istrutturi amministrattivi u organizzattivi neċessarji għall-imsemmija kooperazzjoni amministrattiva u li jiġi eżaminat kif din il-kooperazzjoni taħdem fil-prattika fil-każ ta' talbiet għal informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1798/2003. Essenzjalment, il-verifika kienet tirrigwarda s-servizzi tal-uffiċċju ċentrali ta' kollegament fis-sens tal-Artikolu 2(2) ta' dan ir-regolament, imma setgħet tinkludi wkoll, jekk ikun il-każ, servizzi oħra involuti fil-kooperazzjoni amministrattiva.

15. Filwaqt li rreferiet għal din l-ewwel ittra, il-Qorti tal-Awdituri, b'ittra tas-7 ta' Settembru 2006, ikkomunikat lill-Qorti tal-Awdituri Federali informazzjoni iktar iddettaljata dwar il-verifika. Din l-ittra ħabbret, b'mod partikolari, żjara ta' verifika fl-uffiċċju ċentrali ta' kollegament Ġermaniż bejn l-10 u t-13 ta' Ottubru 2006. L-imsemmija ittra kienet akkumpanjata minn programm għaż-żjara li l-Qorti tal-Awdituri Federali Ġermaniża ntalbet titbagħat lill-uffiċċju ċentrali ta' kollegament.

16. F'dan il-programm tal-missjoni ta' verifika, l-uffiċċju ċentrali ta' kollegament intalab jibagħat xi informazzjoni dwar it-talbiet għal informazzjoni li ġew riċevuti jew li saru fl-2004/05 abbażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1798/2003. Il-programm kien jinkludi wkoll ħarsa ġenerali lejn temi differenti li kellhom jiġu

indirizzati waqt iż-żjara, fosthom b'mod partikolari (1) l-organizzazzjoni, it-tagħmir u l-funzjonament tal-uffiċċju ċentrali ta' kollegament, (2) l-iskambju ta' informazzjoni mingħajr talba minn qabel fis-sens tal-Kapitolu IV tar-Regolament Nru 1798/2003, (3) ir-reġistrazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-operazzjonijiet intra-Komunitarji (database "VIES")], (4) il-problemi legali li jostakolaw il-kooperazzjoni amministrattiva, (5) miżuri oħra li għandhom l-għan li jtejbu l-kooperazzjoni amministrattiva u li jipprevjenu l-abbużi, u (6) l-eżami, b'sondaġġ, ta' talbiet għal informazzjoni li ġew riċevuti jew mibgħuta.

17. B'ittra tat-18 ta' Settembru 2006, il-Qorti tal-Awdituri Federali kkonfermat li hija kienet se tipparteċipa fil-verifika tal-Qorti tal-Awdituri. Fid-9 ta' Ottubru 2006, kellha ssir laqgħa preparatorja fil-bini tal-Qorti tal-Awdituri Federali b'dan il-għan.

18. Billi l-uffiċċju ċentrali ta' kollegament ikkonċernat mill-missjoni ta' verifika ma deherx li kien lest jikkoopera mal-Qorti tal-Awdituri, fil-5 ta' Ottubru 2006 din tal-aħħar reġgħet bagħtet ittra lill-Qorti tal-Awdituri Federali biex tinformaha li l-uffiċċju ċentrali ta' kollegament la kien ikkonferma d-dati taż-żjara ta' verifika u lanqas ma kien bagħat id-dokumenti mitluba preċedentement li kienu neċessarji għal preparazzjoni xierqa għall-verifika. F'dawn il-kundizzjonijiet, il-Qorti tal-Awdituri qalet li hija kellha l-ħsieb tipposponi ż-żjara ta' verifika li issa kellha ssir mill-14 sas-17 ta' Novembru 2006. Fl-istess ħin hija talbet lill-Qorti tal-Awdituri Federali sabiex tintervjeni mal-uffiċċju ċentrali ta' kollegament ħalli din il-verifika tiżvolgi sew.

19. B'ittra tad-9 ta' Novembru 2006, il-Qorti tal-Awdituri lmentat mal-Ministeru Federali Ġermaniż tal-Finanzi li l-uffiċċju ċentrali ta' kollegament li hija kellha tivverifika la kien ikkonferma d-dati tal-verifika mill-14 sas-17 ta' Novembru 2006 u lanqas bagħat id-dokumenti neċessarji. Il-Qorti tal-Awdituri indikat li hija kienet se terġa' tipposponi d-dati taż-żjara ta' verifika, jiġifieri mill-4 sas-7 ta' Diċembru 2006. Fl-istess ħin, hija reġgħet spjegat l-għan tal-verifika u ppreċiżat, f'dan ir-rigward, li kien previst *inter alia* li jiġu analizzati kampjuni, mill-2005, ta' talbiet għal informazzjoni mibgħuta mill-uffiċċju ċentrali ta' kollegament u ta' talbiet għal informazzjoni riċevuti mingħand Stati Membri oħra. L-operazzjonijiet taxxabbli (u l-applikazzjoni tajba tat-taxxa fuq il-valur miżjud) fihom infushom, sa fejn setgħu jirriżultaw mid-dokumenti li kellhom jiġu eżaminati, ma kinux is-suġġett tal-verifika. Pjuttost kellom jiġu vverifikati l-effikaċja u l-effettività tal-kooperazzjoni amministrattiva. Fl-ittra bi tweġiba tiegħu tal-4 ta' Diċembru 2006, il-Ministeru Federali tal-Finanzi indika li, fin-nuqqas ta' bażi legali, verifika mill-Qorti tal-Awdituri ma kinitix possibbli.

20. Fit-13 ta' Diċembru 2006, il-Qorti tal-Awdituri reġgħet bagħtet ittra lill-Qorti tal-Awdituri Federali fejn talbitha twieġeb għal diversi mistoqsijiet dwar talbiet għal informazzjoni differenti li ġew skambjati, fil-kuntest tal-Artikolu 5 tar-Regolament

Nru 1798/2003, bejn l-uffiċċju ċentrali ta' kollegament tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-uffiċċji ċentrali ta' kollegament ta' Stati Membri oħra. Il-Qorti tal-Awdituri Federali ċaħdet din it-talba fis-6 ta' Marzu 2007 filwaqt li fakkret lill-Qorti tal-Awdituri li f'dan il-każ il-Ministeru Federali tal-Finanzi diġà kien wera l-oppożizzjoni tiegħu għall-verifika mħabbra mill-Qorti tal-Awdituri. Għal raġunijiet ta' newtralità, il-Qorti tal-Awdituri Federali għaldaqstant ma kkunsidratx li hija kienet f'pożizzjoni li tagħti l-elementi rilevanti.

## IV — Il-proċedura prekontenzjuża

21. Fl-4 ta' Mejju 2007, il-Qorti tal-Awdituri reġgħet bagħtet ittra lill-Ministeru Federali tal-Finanzi fejn spjegatlu numru ta' konstatazzjonijiet li kienet waslet għalihom wara l-verifiki li kienu saru fi Stati Membri oħra. Fl-ittra bi tweġiba tiegħu tad-29 ta' Ġunju 2007, il-Ministeru Federali tal-Finanzi ħa pożizzjoni dwar dawn l-osservazzjonijiet. Madankollu, xejn f'dik l-ittra donnu ma kien jindika li kien bidel il-fehma negattiva tiegħu fir-rigward tat-twettiq tal-verifika permezz ta' żjara ta' verifika fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

22. Il-Qorti tal-Awdituri ppubblikat ir-riżultati tal-verifika tagħha fir-Rapport Speċjali Nru 8/2007 tagħha dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud [8] (iktar 'il quddiem ir-"Rapport Speċjali Nru 8/2007"). L-osservazzjonijiet li jirrigwardaw lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja li saru f'dan ir-rapport huma bbażati fuq konstatazzjonijiet li jirriżultaw minn missjonijiet ta' verifika mwettqa fi Stati Membri oħra, fuq informazzjoni miksuba waqt il-missjonijiet ta' verifika mwettqa fil-Kummissjoni, u fuq rapporti disponibbli pubblikament [9].

23. B'ittra ta' intimazzjoni tat-23 ta' Settembru 2008, il-Kummissjoni informat lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja li hija kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 248(1), (2) u (3) KE kif ukoll taħt l-Artikolu 140(2) u l-Artikolu 142(1) tar-Regolament Nru 1605/2002 u taħt l-Artikolu 10 KE. Skont il-Kummissjoni, dan in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kien jirriżulta mill-fatt li l-Qorti tal-Awdituri ma tħallietx twettaq il-kompitu tagħha li tiżgura l-verifika tad-dħul tal-Unjoni. Inċidentalment, il-verifika tal-Qorti tal-Awdituri inkwistjoni kellha l-għan li tivverifika l-infiq tal-Unjoni marbut mal-implementazzjoni tar-Regolament Nru 1798/2003, billi tevalwa, b'mod partikolari, l-effikaċja u l-effiċjenza tad-database "VIES".

24. Fit-tweġiba tagħha tat-23 ta' Diċembru 2008, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ċaħdet l-ilmenti li tqajmu kontra

8 — ĠU 2008, C 20, p. 1.

9 — Rapport Speċjali Nru 8/2007, punt 14.

tagħha. Hija kkunsidrat bħala deċiżiv li l-pjan ta' verifika tal-Qorti tal-Awdituri ma kienx kopert mill-Artikolu 248 KE għaliex din il-verifika la kienet tirrigwarda d-dħul u lanqas l-infiq tal-Unjoni. Il-Gvern Ġermaniż invoka wkoll il-prinċipju ta' sussidjarjetà.

25. B'ittra tat-23 ta' Marzu 2009, il-Kummissjoni bagħtet lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja opinjoni motivata abbażi tal-Artikolu 226 KE. Fiha hija sostniet il-fehma tagħha li l-Qorti tal-Awdituri għandha s-setgħa tivverifika l-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud. Il-Qorti tal-Awdituri għandha wkoll is-setgħa tevalwa l-infiq tal-Unjoni marbut mad-database "VIES", billi din is-sistema ta' skambju ta' informazzjoni dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud hija ffinanzjata mill-baġit tal-Unjoni.

26. Bi tweġiba għall-opinjoni motivata, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, b'ittra tat-22 ta' Mejju 2009, ikkonfermat il-fehma tagħha li l-verifika inkwistjoni ma kinitx koperta mill-Artikolu 248 KE fir-rigward tal-verifika tad-dħul tat-taxxa fuq il-valur miżjud. Kieku l-verifika kienet intiża bħala verifika tal-infiq tal-Unjoni marbut mad-database "VIES", ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kienet taċċetta espressament li l-Qorti tal-Awdituri għandha l-kompetenza sabiex tivverifika l-infiq tal-Unjoni f'dan ir-rigward. Madankollu, dan l-infiq ma kienx is-suġġett tat-talba għal verifika inizjali.

## V — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

27. Billi kkunsidrat li r-Repubblika tal-Ġermanja ma kinitx ikkonformat ruħha mal-opinjoni motivata, il-Kummissjoni, fis-17 ta' Diċembru 2009, ippreżentat rikors abbażi tal-Artikolu 258 TFUE.

28. Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tikkonstata li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 248(1), (2) u (3) KE, l-Artikolu 140(2) u l-Artikolu 142(1) tar-Regolament Nru 1605/2002, kif ukoll taħt l-Artikolu 10 KE, għaliex hija ma ppermettietx lill-Qorti tal-Awdituri twettaq fil-Ġermanja verifiki rigward il-kooperazzjoni amministrattiva tal-Istati Membri fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud skont ir-Regolament Nru 1798/2003 u l-miżuri ta' implementazzjoni.

— tikkundanna lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għall-ispejjeż.

29. Min-naħa tagħha, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad ir-rikors u tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

30. Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Mejju 2010, il-Qorti tal-Awdituri u l-Parlament Ewropew tħallew jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni. Il-Qorti tal-Awdituri u l-Parlament Ewropew jitolbu li r-rikors tal-Kummissjoni jiġi milqugħ.

31. Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja kif ukoll tal-Qorti tal-Awdituri u tal-Parlament Ewropew ippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom waqt is-seduta tat-15 ta' Marzu 2011.

## VI — L-argumenti prinċipali tal-partijiet

32. Skont il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Qorti tal-Awdituri, ir-rifjut tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja li tippermetti lill-Qorti tal-Awdituri twettaq il-verifika tal-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud wassal għal ksur tal-Artikolu 248(1) sa (3) KE, tal-Artikoli 140(2) u 142(1) tar-Regolament Nru 1605/2002 kif ukoll tal-Artikolu 10 KE. Il-Gvern Ġermaniż jikkunsidra, min-naħa l-oħra, li l-attitudni negattiva tiegħu hija konformi mad-dritt tal-Unjoni.

33. Il-*Kummissjoni*, il-*Parlament* u l-*Qorti tal-Awdituri* jitolbu li tingħata interpretazzjoni wiesgħa tal-kompetenzi ta' verifika tal-Qorti tal-Awdituri kif ukoll tal-obbligi ta' kooperazzjoni korrispondenti tal-Istati Membri. F'dan ir-rigward, huma jenfasizzaw ir-rwol tal-Qorti tal-Awdituri, kif stabbilit mid-dritt primarju, li jikkonsisti fl-evalwazzjoni tal-ġbir u tal-użu tal-fondi tal-Unjoni Ewropea u fl-eżami dwar jekk l-operazzjonijiet finanzjarji ġewx irreġistrati u ppreżentati korrettament kif ukoll eżegwiti u ġestiti b'mod legali u regolari. Bħala awditur estern indipendenti, il-Qorti tal-Awdituri tagħti kontribut ukoll sabiex tittejjeb it-tmexxija finanzjarja tal-Unjoni u, għaldaqstant, sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji taċ-ċittadini tal-Unjoni. F'dawn il-kundizzjonijiet u sabiex ikun iggarantit l-effett utli tad-dispożizzjonijiet rilevanti, il-kompetenzi ta' verifika tal-Qorti tal-Awdituri għandhom jiġu interpretati b'mod wiesa'. Barra minn hekk, mir-regoli tad-dritt tal-Unjoni jirriżulta li, f'każ ta' verifiki fl-Istati Membri, dawn tal-aħħar għandhom joffru s-sostenn sħiħ tagħhom lill-Qorti tal-Awdituri fit-twettiq tal-missjoni tagħha.

34. L-Istati Membri b'hekk huma obbligati jaċċettaw kull verifika tal-Qorti tal-Awdituri intiża biex tevalwa l-ġbir u l-użu tal-fondi tal-Unjoni u li joffru lill-Qorti tal-Awdituri s-sostenn sħiħ tagħhom f'dan ir-rigward. Issa, huwa eżattament dan li l-awtoritajiet Ġermaniżi rrifjutaw lill-Qorti tal-Awdituri. Minkejja li r-Regolament Nru 1798/2003 ma jirregolax, bħala tali, il-ġbir tad-dħul tal-Unjoni, huwa għandu rabta ċara u diretta ma' dan id-dħul. Huwa intiż sabiex jiġu miġġielda l-frodi u l-evażjoni fiskali fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud u jikkontribwixxi sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jiġbru korrettament it-taxxa fuq

il-valur miżjud u sabiex l-Unjoni jkollha, flaħjar kundizzjonijiet possibbli, riżorsi proprji ta' taxxa fuq il-valur miżjud li għandha jedd għalihom. Fil-fatt, id-dħul mit-taxxa fuq il-valur miżjud tal-Istati Membri jikkostitwixxi tabilħaqq il-bażi biex ikunu ddeterminati r-riżorsi tal-Unjoni li joriġinaw mit-taxxa fuq il-valur miżjud. Minn dan il-lat, il-fatt li jiġi vverifikat jekk l-Istati Membri stabbilewx sistema effikaċi ta' kooperazzjoni u ta' assistenza reċiproka fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud jifforma parti mill-kuntest tal-verifika tar-riżorsi proprji li joriġinaw mit-taxxa fuq il-valur miżjud. Wieħed lanqas ma jista' jinjora li l-Istati Membri l-oħra għandhom ipaċu d-defiċits eventwali fuq illivell tar-riżorsi proprji li joriġinaw mit-taxxa fuq il-valur miżjud b'kontribuzzjonijiet iktar sinjifikattivi fil-qasam tar-riżorsi proprji li joriġinaw mid-dħul gross nazzjonali (DGN).

35. Il-*Qorti tal-Awdituri* u l-*Parlament Ewropew* jinsistu wkoll f'dan il-kuntest fuq id-differenza li hemm bejn il-verifiki mwettqa mill-Qorti tal-Awdituri u verifiki eventwali mwettqa mill-Kummissjoni. L-għan tal-verifiki mwettqa mill-Qorti tal-Awdituri ma huwiex li tiġi eżaminata l-applikazzjoni tar-regolament mill-Istati Membri sabiex dawn jiġu ssanzjonati f'każ li setgħu naqsu milli jwettqu l-obbligi tagħhom, imma pjuttost li jiġi vverifikat jekk is-sistema ta' kooperazzjoni amministrattiva taħdimx sew fil-prattika u, jekk ikun neċessarju, li jiġi propost xi titjib. F'dan ir-rigward, il-*Qorti tal-Awdituri* tenfasizza li l-interpretazzjoni restrittiva talkompetenzi tal-Qorti tal-Awdituri appoġġjata mill-Gvern Ġermaniż jkollha bħala riżultat li fil-qasam tar-riżorsi proprji li joriġinaw mit-taxxa fuq il-valur miżjud hija tkun tista' twettaq biss verifiki finanzjarji ferm limitati, li jimpedixxiha twettaq verifiki tal-prestazzjoni. Dawn tal-aħħar madankollu huma neċessarji sabiex il-Qorti tal-Awdituri tkun tista' tosserva l-obbligu tagħha li jirriżulta millistess diċitura tal-Artikolu 248 KE.

36. Barra minn hekk il-*Kummissjoni* tikkunsidra li l-analiżi tagħha hija sostnuta mill-Artikolu 43(1) tar-Regolament Nru 1798/2003, mill-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni 2000/597 u mill-Artikolu 140(1) tar-Regolament Nru 1605/2002. Fil-fehma tagħha, minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li l-Istati Membri stess taw lillkompetenzi tal-Qorti tal-Awdituri, abbażi tal-Artikolu 248 KE, interpretazzjoni wiesgħa li tinkludi verifiki li jirrigwardaw il-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud abbażi tar-Regolament Nru 1798/2003.

37. Min-naħa l-oħra, il-*Gvern Ġermaniż* jirrakkomanda interpretazzjoni iktar restrittiva tal-kompetenzi tal-Qorti tal-Awdituri. Skont il-Gvern Ġermaniż, il-missjoni tal-Qorti tal-Awdituri hija manifestament limitata għall-verifika talloperazzjonijiet li għandhom rabta diretta mad-dħul u mal-infiq tal-Unjoni.

38. Skont il-Gvern Ġermaniż, ir-Regolament Nru 1798/2003 ma jirrigwardax id-dħul tal-Unjoni. Id-dħul tal-Istati Membri li joriġina mit-taxxa fuq il-valur miżjud, li huwa protett mir-Regolament Nru 1798/2003, ma jikkostitwixxix dħul tal-Unjoni, imma huwa integrat biss bħala valur fiss fil-kalkolu tar-riżorsi proprji tal-Unjoni li joriġinaw mit-taxxa fuq il-valur miżjud. Id-dispożizzjonijiet rilevanti għal dan il-kalkolu ma jinvolvu l-ebda metodu ta' korrezzjoni li jippermetti li jittieħed inkunsiderazzjoni d-dħul mit-taxxa fuq il-valur miżjud li l-Istati Membri setgħu jiġbru żejjed, pereżempju, minħabba funzjonament aħjar tal-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri.

39. F'dan il-kuntest, il-Gvern Ġermaniż jagħmel ukoll paragun mar-riżorsi proprji li joriġinaw mid-DGN. Dan il-gvern jenfasizza b'mod partikolari f'dan ir-rigward li l-kalkolu tar-riżorsi proprji li joriġinaw mid-DGN huwa bbażat, fl-aħħar mill-aħħar, fuq id-DGN tal-Istati Membri differenti. Jekk il-mod li bih tiġi kkostitwita l-bażi tar-riżorsi proprji kien suġġett għall-verifika tal-Qorti tal-Awdituri, din ikollha s-setgħa tivverifika, fil-kuntest ta' verifika tar-riżorsi proprji li joriġinaw mid-DGN, il-politika ekonomika kollha tal-Istat Membru kkonċernat, peress li dik il-politika ġustament taffettwa d-DGN ta' kull Stat Membru.

40. Dawn il-kunsiderazzjonijiet iwasslu lill-Gvern Ġermaniż għall-konklużjoni li s-segħat ta' verifika tal-Qorti tal-Awdituri jistgħu jirrigwardaw biss id-determinazzjoni u l-kalkolu tad-dħul nett mit-taxxa fuq il-valur miżjud effettivament imdaħħal kif ukoll il-kalkoli li l-Istati Membri jwettqu abbażi ta' dan id-dħul sabiex jiddeterminaw il-bażi għar-riżorsi proprji li joriġinaw mit-taxxa fuq il-valur miżjud. Il-proċeduri amministrattivi, il-proċeduri ta' ġbir u l-proċeduri ta' determinazzjoni differenti, jiġifieri l-hekk imsejħa proċedura fiskali fl-Istati Membri, min-naħa l-oħra ma humiex suġġetti għall-verifika tagħha għaliex din il-proċedura ma tagħmilx assolutament parti mill-għan tad-determinazzjoni u mill-kalkolu tar-riżorsi proprji li joriġinaw mit-taxxa fuq il-valur miżjud. F'dan ir-rigward, skont il-Gvern Ġermaniż, mill-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni 2000/597 lanqas ma tista' tiġi dedotta kompetenza tal-Qorti tal-Awdituri biex tivverifika l-implementazzjoni fl-Istati Membri tar-Regolament Nru 1798/2003.

41. Il-partijiet lanqas ma jaqblu dwar jekk verifika mill-Qorti tal-Awdituri tal-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud tippreġudikax il-prinċipju ta' sussidjarjetà.

42. Il-*Gvern Ġermaniż* isostni li dan huwa l-każ. Huwa josserva li, bħala prinċipju, huma l-qrati tal-awdituri nazzjonali li jivverifikaw il-ġbir tat-taxxa fuq il-valur miżjud. Sakemm hija tikkunsidra li verifika

tal-aspetti transkonfinali tista' ssir biss mill-Qorti tal-Awdituri, il-Kummissjoni tkun qed tinjora li, abbażi tal-Artikolu 35 tar-Regolament Nru 1798/2003, huma diġà previsti eżami u evalwazzjoni tar-Regolament mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni mal-Istati Membri. Fi kliem ieħor, il-leġiżlatur Komunitarju diġà ħa miżuri sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-qasam ta' kompetenza limitat tal-qrati tal-awdituri nazzjonali. F'dan ir-rigward, verifika mill-Qorti tal-Awdituri ma hijiex neċessarja.

43. F'dan il-kuntest, il-Gvern Ġermaniż jenfasizza wkoll li l-organizzazzjoni tal-amministrazzjoni fiskali, il-verifika tal-persuni taxxabbli, u l-irkupru tat-taxxa huma oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati. Skont dan il-gvern, dan it-tqassim tal-kompetenzi tad-dritt amministrattiv bejn l-Unjoni u l-Istati Membri ma jistax jiġi sseparat mill-kwistjoni ta' liema korp ta' verifika huwa awtorizzat jivverifika l-attivitajiet amministrattivi korrispondenti. Id-delimitazzjoni tal-kompetenzi ta' verifika tal-Qorti tal-Awdituri konsegwentement għandha tikkorrispondi għad-delimitazzjoni tal-kompetenzi amministrattivi. Fin-nuqqas ta' bażi espliċita fit-Trattat, għaldaqstant ma jkunux jistgħu jiġu eżaminati atti amministrattivi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri.

44. Skont il-*Kummissjoni*, il-*Parlament Ewropew* u *l-Qorti tal-Awdituri* l-argument ibbażat fuq is-sussidjarjetà ma huwiex konvinċenti. In-natura transkonfinali tal-kooperazzjoni amministrattiva skont ir-Regolament Nru 1798/2003 tixhed pjuttost favur kompetenza ta' verifika tal-Qorti tal-Awdituri. Il-*Kummissjoni* tenfasizza wkoll in-natura awtonoma tal-verifiki mwettqa mill-Qorti tal-Awdituri. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li kompetenza ta' verifika tal-Kummissjoni jew tal-qrati tal-awdituri nazzjonali ma teskludix *ex officio* dik tal-Qorti tal-Awdituri.

45. Fir-replika tagħha, il-*Kummissjoni* ssostni li, barra minn hekk, l-implementazzjoni tar-Regolament Nru 1798/2003 twassal ukoll għal infiq għall-Komunità, billi l-istabbiliment u l-funzjonament tas-sistemi ta' informazzjoni previsti f'dan ir-regolamenti huma (ko)finanzjati mill-baġit Komunitarju. Għaldaqstant, il-verifika tal-implementazzjoni u tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1798/2003 tagħmel ukoll parti mill-verifika tal-legalità u tar-regolarità tal-infiq tal-Unjoni.

46. Il-*Gvern Ġermaniż* jikkunsidra dan il-motiv bħala inammissibbli għal żewġ raġunijiet. Minn naħa, minħabba li ma tressaqx fir-rikors, dan l-argument għandu jiġi miċħud, abbażi tal-ewwel subparagafu tal-Artikolu 42(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, bħala tardiv u għaldaqstant inammissibbli. Min-naħa l-oħra, din il-verifika tal-infiq ma kinitx is-suġġett tat-talba għal verifika tal-Qorti tal-Awdituri.

## VII — Evalwazzjoni ġuridika

### A — *Osservazzjonijiet preliminari*

47. L-evalwazzjoni tal-legalità, fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, tar-rifjut tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja li tippermetti lill-Qorti tal-Awdituri twettaq verifika tal-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud tiddependi, fl-aħħar mill-aħħar, mit-tweġiba għall-mistoqsija dwar jekk il-Qorti tal-Awdituri kellhiex jew le l-kompetenza biex twettaq l-imsemmija verifika. Jekk il-Qorti tal-Awdituri ma kellhiex is-setgħa twettaq tali verifika, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja jkollha d-dritt tirrifjuta, mingħajr ġustifikazzjoni oħra, li tikkoopera magħha f'dan ir-rigward. Min-naħa l-oħra, jekk il-Qorti tal-Awdituri, kif isostnu l-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Qorti tal-Awdituri stess, kellha s-setgħa twettaq din il-verifika, ir-rifjut tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja jista' jiġi analizzat bħala nuqqas ta' twettiq tal-obbligi ta' kooperazzjoni li għandu dan l-Istat abbażi tad-dritt tal-Unjoni.

48. Skont l-Artikolu 7(1) KE, il-Qorti tal-Awdituri tagħmel parti mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u taġixxi fil-limiti tas-setgħat lilha mogħtija b'dan it-trattat. Fid-dritt primarju, dawn is-setgħat ġew stipulati fl-Artikolu 248 KE, fejn l-Artikolu 248(1) KE jipprovdi li l-Qorti tal-Awdituri għandha teżamina l-kontijiet tad-dħul u tal-infiq kollu tal-Unjoni kif ukoll il-kontijiet ta' kull dħul u nefqa tal-entitajiet kollha stabbiliti mill-Unjoni sa fejn l-att kostituttiv rilevanti ma jipprekludix dan l-eżami.

49. Il-kompetenzi ta' verifika tal-Qorti tal-Awdituri bħala prinċipju b'hekk jirrigwardaw id-dħul u l-infiq tal-Unjoni [10]. F'dan il-kuntest, il-kwistjoni li tqum l-ewwel nett f'dan il-każ hija dik dwar jekk verifika tal-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud tikkonċernax jew le d-dħul jew l-infiq tal-Unjoni. Meta jittieħed partikolarment inkunsiderazzjoni l-fatt li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tinvolvi, sa issa, biss ftit dikjarazzjonijiet dwar il-portata tas-setgħat ta' verifika mogħtija lill-Qorti tal-Awdituri, nikkunsidra li, għall-finijiet ta' tweġiba għal din il-mistoqsija, qabelxejn għandha tiġi deskritta fil-qosor l-istruttura bażika tas-sistema tar-riżorsi tal-Unjoni taħt id-Deċiżjoni 2000/597 li kienet applikabbli *ratione temporis*. Fuq din il-bażi, sussegwentement biħsiebni nindirizza l-kwistjoni dwar jekk u f'liema kundizzjonijiet hemm lok li l-verifika li ġiet irrifjutata mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tiġi kkunsidrata bħala verifika tad-dħul jew

10 — Ara, f'dan ir-rigward, M. Ekelmans, "Cour des comptes", *Rép. communautaire Dalloz* (Awwissu 2008), punt 47.

tal-infiq tal-Unjoni, li fir-rigward tagħha r-Repubblika Federali tal-Ġermanja kienet obbligata tagħti s-sostenn tagħha sabiex din titwettaq.

B — *Is-sistema tar-riżorsi proprji taħt id-Deċiżjoni 2000/597*

50. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 269 KE, bla ħsara għal kull dħul ieħor, il-baġit tal-Unjoni għandu jkun iffinanzjat kompletament minn riżorsi proprji. Skont it-tieni paragrafu ta' dan l-artikolu, il-Kunsill, li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummisjoni u wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew, għandu jistabbilixxi għal dan il-għan id-dispożizzjonijiet relatati mas-sistema ta' kif l-Unjoni tipprovdi r-riżorsi proprji tagħha.

51. Fir-rigward tal-perijodu inkwistjoni f'dan il-każ, is-sistema tar-riżorsi proprji ġiet iddefinita fid-Deċiżjoni 2000/597. L-Artikolu 2(1) ta' din id-deċiżjoni jagħmel distinzjoni bejn id-dħul li joriġina mid-dazji u mill-kontribuzzjonijiet fil-qasam agrikolu [Artikolu 2(1)(a)], id-dħul li joriġina mid-dazji doganali miġbura fuq l-importazzjoni [Artikolu 2(1)(b)], ir-riżorsi proprji mill-VAT [Artikolu 2(1)(c)] u r-riżorsi proprji mid-DGN [11] [Artikolu 2(1)(d)].

52. Skont l-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni 2000/597, id-dazji u l-kontribuzzjonijiet agrikoli kif ukoll id-dazji doganali dovuti lill-Unjoni, li jikkostitwixxu wkoll l-hekk imsejħa "riżorsi [proprji] tradizzjonali" jingabru mill-Istati Membri skont il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji. Skont l-Artikolu 2(3) tal-imsemmija deċiżjoni, l-Istati Membri għandhom iżommu, bħala spejjeż ta' ġbir, kumpens fil-forma ta' somma f'daqqa ta' 25 % tal-ammont tar- riżorsi proprji tradizzjonali miġbura.

53. Skont l-Artikolu 2(1)(c) tad-Deċiżjoni 2000/597, ir-riżorsi proprji mill-VAT tal-Unjoni huma ddeterminati abbażi ta' kalkoli kkumplikati. Għal dan il-għan, il-bażi taxxabbli armonizzata għar-riżorsi proprji mill-VAT l-ewwel tiġi ddeterminata għal kull Stat Membru abbażi tad-dħul effettiv mill-VAT. Ir-regoli ddettaljati sabiex tkun iddeterminata din il-bażi taxxabbli jinsabu

11 — Minkejja li l-Artikolu 2(1)(d) tad-Deċiżjoni 2000/597 ma jsemmix id-DGN imma l-PGN tal-Istati Membri, l-Artikolu 2(7) tal-imsemmija deċiżjoni jipprevedi li, għall-applikazzjoni tagħha "GNP [PGN]" għandha tfisser il-"GNI [DGN]" għas-sena fi prezzijiet tas-suq kif iddeterminat mill-Kummissjoni b'applikazzjoni tas-SEK 95, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96, tal-25 ta' Ġunju 1996, dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10, Vol. 2, p. 3).. Fil-premessa 4 tad-Deċiżjoni, dan l-aġġustament terminoloġiku huwa ġġustifikat mill-fatt li huwa xieraq li jintużaw il-kunċetti statistiċi l-iktar reċenti għall-iskopijiet tar-riżorsi proprji.

fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89, tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud [12]. Il-bażi taxxabbli kkalkolata b'dan il-mod tal-Istat Membru kkonċernat hija sussegwentement limitata għal 50 % tad-DGN tiegħu iddefinit skont l-Artikolu 2(7) tad-Deċiżjoni 2000/597 (limitazzjoni tal-bażi taxxabbli tal-VAT) [13]. Sussegwentement, għall-bażi taxxabbli stabbilita b'dan il-mod tiġi applikata rata uniformi valida għall-Istati Membri kollha [14]. Minn dawn il-kalkoli jirriżultaw ir-riżorsi proprji mill-VAT dovuti minn kull Stat Membru, riżorsi li l-Istati Membri huma obbligati jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni 2000/597.

54. Ir-riżorsi proprji mid-DGN li joriġinaw, skont l-Artikolu 2(1)(d) tad-Deċiżjoni 2000/597, mill-applikazzjoni ta' rata – li għandha tkun stabbilita fil-kuntest tal-proċedura tal-baġit fid-dawl tat-total tad-dħul l-ieħor kollu – għas-somma tad-DGN tal-Istati Membri kollha. Dawn ir-riżorsi proprji jservu sabiex jibbilanċjaw il-baġit tal-Unjoni Ewropea u jistgħu jiġu kkunsidrati f'dan il-kuntest bħala xorta ta' ġebla tax-xewka [15], li s-sistema ta' riżorsi proprji teħtieġ għaliex self mill-Unjoni bħala prinċipju ma huwiex aċċettat [16]. Dan ifisser li t-telf strutturali tad-dħul fit-tliet kategoriji l-oħra ta' riżorsi proprji bħala prinċipju għandu jitpaċa bi dħul ikbar ta' riżorsi proprji mid-DGN. Skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni 2000/597, l-Istati Membri huma obbligati jagħmlu disponibbli għall-Kummissjoni r-riżorsi proprji mid-DGN.

55. Differenza sinjifikattiva bejn ir-riżorsi proprji tradizzjonali, minn naħa, u r-riżorsi proprji li joriginaw mill-VAT u mid-DGN, min-naħa l-oħra, tinsab fil-fatt li r-riżorsi proprji tradizzjonali li l-Istati Membri huma obbligati jittrasferixxu lill-Kummissjoni għandhom, bħala prinċipju, jikkorrispondu għad-dazji agrikoli u għad-dazji doganali miġbura mill-Istati Membri – bit-tnaqqis tal-kumpens fil-forma ta' somma f'daqqa bħala spejjeż ta' ġbir – minkejja li ma hemmx tali rabta diretta bejn ir-riżorsi proprji mill-VAT u

12 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 197. Essenzjalment, skont ir-Regolament Nru 1553/89, dan il-kalkolu jsir kif ġej: qabelxejn, id-dħul mill-VAT tal-Istati Membri jiġi aġġustat skont id-derogi leġittimi tad-dispożizzjonijiet nazzjonali b'relazzjoni għad-dispożizzjonijiet uniformi [Artikolu 2(3) u Artikolu 5)]. Id-dħul nett mill-VAT huwa sussegwentement diviż bir-rata tal-VAT nazzjonali. Jekk fi Stat Membru jiġu applikati diversi rati tal-VAT, għandha tiġi stabbilita rata medja ppeżata tal-VAT abbażi ta' dawn ir-rati (Artikoli 3, 4 u 5). Il-bażi taxxabbli miksuba mill-proporzjon tad-dħul nett bir-rata medja ppeżata sussegwentement hija aġġustata skont l-operazzjonijiet li saru fil-kuntest tad-derogi leġittimi mis-Sitt Direttiva tal-Kunsill, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23, Artikoli 2 u 6). Ara B. Meermagen, *Beitrags- und Eigenmittelsystem*, München 2002, p. 154.

13 — Dan il-limitu superjuri għandu l-għan li jtejjeb l-ekwità tal-aġġustament finanzjarju bejn l-Istati Membri; ara J. Hidien, "Der Rechtscharakter der Mehrwertsteuer-Einnahmen der EU", *EuR 1997*, p. 95, b'mod partikolari p. 103.

14 — Il-metodu biex tiġi kkalkolata din ir-rata huwa deskritt fl-Artikolu 2(4) tad-Deċiżjoni 2000/597.

15 — Ara, f'dan ir-rigward, G. Wilms, "Die Reform des EU-Haushaltes im Lichte der Finanziellen Vorschau 2007-2013 und des Vertrages von Lissabon – neue Perspektiven für die Europäische Union?", *EuR 2007*, p. 707, b'mod partikolari p. 710.

16 — Dan il-prinċipju huwa espress fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 268 KE, li jipprovdi li d-dħul u l-ħruġ murija fl-estimi finanzjarji għandhom ikunu jaqblu.

d-dħul mill-VAT nazzjonali jew bejn ir-riżorsi proprji mid-DGN u d-DGN nazzjonali.

56. F'dan il-kuntest, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni 2000/597 jipprevedi dispożizzjoni espliċita dwar il-ġbir tar-riżorsi proprji tradizzjonali. Skont dik id-dispożizzjoni, l-imsemmija riżorsi proprji jinġabru mill-Istati Membri skont il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li għandhom, jekk ikun il-każ, ikunu adottati biex jissodisfaw il-kundizzjonijiet tar-regoli tal-Unjoni. Ir-regoli prinċipali tad-dritt tal-Unjoni dwar il-ġbir tar-riżorsi proprji tradizzjonali huma inklużi fir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000, tat-22 ta' Mejju 2000, li jimplimenta d-Deċiżjoni 94/728/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom [proprji] tal-Komunitajiet [17], li l-Artikolu 17 tiegħu jirregola ċerti aspetti tal-obbligu tal-ġbir u tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni ta' dawn ir-riżorsi proprji mill-Istati Membri [18]. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 18 ta' dan ir-regolament, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri mhux biss biex iwettqu spezzjonijiet addizzjonali dwar l-istabbiliment u tqegħid għad-dispożizzjoni tar-riżorsi proprji tradizzjonali, imma għandha wkoll id-dritt li tipparteċipa attivament f'dawn il-verifiki.

57. La d-Deċiżjoni 2000/597 u lanqas ir-Regolament Nru 1150/2000 ma jinkludu dispożizzjonijiet espliċiti dwar il-ġbir tal-VAT nazzjonali mill-Istati Membri. Minkejja l-armonizzazzjoni f'dan il-qasam, il-VAT għandha tiġi kkunsidrata bħala taxxa nazzjonali li bħala prinċipju tinġabar skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali [19]. L-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 1553/89 madankollu jistabbilixxi li l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni li tikkonċerna l-proċeduri li huma japplikaw għar-reġistrazzjoni tal-persuni taxxabbli u biex jiddeterminaw u jiġbru l-VAT kif ukoll dwar il-modalitajiet u r-riżultati tas-sistemi tagħhom ta' verifika fil-qasam ta' din it-taxxa. Skont l-Artikolu 12(2) ta' dan ir-regolament, il-Kummissjoni għandha teżamina flimkien mal-Istat Membru kkonċernat jekk jistax ikun hemm titjib f'dawn il-proċeduri bil-għan li tkun imtejba l-effikaċja tagħhom.

58. L-importanza tal-erba' kategoriji ta' riżorsi proprji fil-kuntest tal-finanzjament tal-baġit tal-Unjoni nbidlet ferm minn nofs is-snin 90. Filwaqt li fl-1996, fil-kompożizzjoni tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea, il-perċentwali ta' "riżorsi [proprji]

17 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 169, fil-verżjoni li tirriżulta mir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2028/2004, tas-16 ta' Novembru 2004 (ĠU L 153M, p. 162).

18 — L-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000 jipprovdi, *inter alia*, li l-Istati Membri huma eżenti mill-obbligu li jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni d-dazji kkonstatati fuq ir-riżorsi proprji tradizzjonali li jkun jidher li l-irkupru tagħhom ikun impossibbli jew minħabba raġunijiet ta' forza maġġuri jew minħabba raġunijiet li ma jkunux jistgħu jiġu attribwiti lilhom.

19 — Ara B. Meermagen, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 12), p. 161.

tradizzjonali" kienet ta' 19.1 %, dik tar-riżorsi propji mill-VAT kienet ta' 51.3 % u dik tar-riżorsi proprji mid-DGN kienet ta' 29.6 %, fl-2005 is-sehem tar-"riżorsi [proprji] tradizzjonali" niżel għal 11.4 % u dak tad-dħul mill-VAT għal 14.1 %, filwaqt li l-perċentwali tar-riżorsi proprji mid-DGN għaddiet għal 74.5 % [20]. Konsegwentement, ir-riżorsi proprji mid-DGN li ġew introdotti biss fl-1988, saru, minflok ir-riżorsi proprji mill-VAT, is-sors prinċipali ta' finanzjament tal-baġit tal-Unjoni.

59. Kif diġà ngħad iktar 'il fuq, ir-riżorsi proprji mid-DGN issa jikkostitwixxu mhux biss is-sors prinċipali ta' dħul tal-Unjoni Ewropea imma jservu wkoll sabiex jibbilanċjaw il-baġit tal-Unjoni. Sa fejn telf eventwali ta' dħul fil-kategoriji l-oħra tar-riżorsi proprji ma jiġix newtralizzat billi jiġi aġġustat l-infiq fil-baġit tal-Unjoni, dan konsegwentement irid jitpaċa b'ammonti ikbar ta' riżorsi proprji mid-DGN.

60. Fil-ġurisprudenza tagħha dwar il-ġbir tar-riżorsi proprji tradizzjonali mill-Istati Membri, il-Qorti tal-Ġustizzja tieħu espressament inkunsiderazzjoni din ir-rabta bejn il-kategoriji differenti ta' riżorsi proprji. Abbażi tal-konstatazzjoni li dħul nieqes minn riżorsa proprja jkollu jitpaċa jew minn riżorsi proprja oħra jew b'aġġustament fl-infiq, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenza tal-15 ta' Novembru 2005, Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka, li l-Istati Membri għandhom l-obbligu jistabbilixxu, jekk ikun il-każ, id-drittijiet tal-Unjoni fuq ir-riżorsi proprji tradizzjonali, inkella jkollu jiġi ammess li l-ekwilibriju finanzjarju tal-Unjoni jista' jiġi sfrattat bl-aġir ta' Stat Membru [21].

61. Fl-aħħar nett, fid-dawl ta' dak li ngħad iktar 'il fuq, għandu jiġi osservat li s-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni tinkludi diversi kategoriji ta' riżorsi proprji, jiġifieri r-riżorsi proprji tradizzjonali, ir-riżorsi proprji mill-VAT u r-riżorsi proprji mid-DGN. F'dan il-kuntest, ir-riżorsi proprji mill-VAT li l-Istati Membri differenti għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni huma ddeterminati abbażi tad-dħul mill-VAT nazzjonali, li jittieħed inkunsiderazzjoni, fil-kuntest ta' kalkoli kkumplikati, bħala valur statistiku biex ikunu stabbiliti l-kontribuzzjonijiet dovuti mill-Istati Membri differenti bħala riżorsi proprji mill-VAT [22].

20 — Rapport tal-Kummissjoni dwar il-funzjonament tas-sistemi ta' riżorsi proprji, COM(2004) 505 finali, p. 3

21 — C-392/02, Ġabra p. I-9811, punti 54 u 60. Ara wkoll is-sentenzi tas-16 ta' Mejju 1991, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (C-96/89, Ġabra p. I-2461, punt 37); tal-15 ta' Ġunju 2000, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-348/97, Ġabra p. I-4429, punt 64), tas-17 ta' Ġunju 2010, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-423/08, Ġabra p. I-5449, punt 39).

22 — Kif rikonoxxut korrettament fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament tad-29 ta' Marzu 2007, dwar il-futur tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 27E, p. 214, premessa D).

C — *Il-kompetenzi ta' verifika tal-Qorti tal-Awdituri*

1. L-għan, il-portata u l-limiti tal-kompetenzi ta' verifika tal-Qorti tal-Awdituri

62. Sabiex ikun evalwat jekk ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, bir-rifjut tagħha li tippermetti lill-Qorti tal-Awdituri tivverifika, fil-Ġermanja, il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud, kisritx id-dritt tal-Unjoni, fl-aħħar mill-aħħar għandu jiġi mistħarreġ jekk il-Qorti tal-Awdituri kellhiex is-setgħa twettaq din il-verifika u jekk, waqt il-preparazzjoni u t-twettiq tal-imsemmija verifika, hija baqgħetx fil-limiti tas-setgħat ta' verifika tagħha. Fil-fatt, l-Istati Membri huma obbligati jikkooperaw mal-Qorti tal-Awdituri biss sakemm din taġixxi fil-limiti tas-setgħat ta' verifika kkonferiti lilha [23].

63. Għaldaqstant, iktar 'il quddiem, biħsiebni nanalizza qabelxejn l-għan, il-portata u l-limiti tal-kompetenzi ta' verifika tal-Qorti tal-Awdituri. Barra minn hekk, biħsiebni nindirizza l-kriterji ta' verifika li l-Qorti tal-Awdituri għandha sabiex twettaq il-missjoni tagħha. Din l-analiżi għandha twassal biex sussegwentement jiġi evalwat jekk u b'liema mod il-Qorti tal-Awdituri għandha tabilħaqq is-setgħa li tissuġġetta għal verifika l-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud abbażi tar-Regolament Nru 1798/2003.

23 — Ara l-punti 47 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

a) Is-setgħa li jiġi vverifikat jekk l-atti tal-istituzzjonijiet u tal-Istati Membri tal-Unjoni għandhomx rabta diretta sufficjenti mad-dħul jew mal-infiq tal-Unjoni

64. Skont l-Artikolu 248(1) KE, il-Qorti tal-Awdituri għandha teżamina l-kontijiet tad-dħul u tal-infiq kollu tal-Unjoni kif ukoll il-kontijiet ta' kull dħul u ta' kull nefqa tal-entitajiet kollha stabbiliti mill-Unjoni sa fejn l-att kostituttiv rilevanti ma jipprekludix dan l-eżami. Skont l-Artikolu 248(2) KE, hija għandha teżamina jekk id-dħul kollu jkunx daħal u n-nefqa kollha tkunx intefqet b'manjiera legali u regolari u jekk it-tmexxija finanzjarja kinitx tajba, filwaqt li tiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari għal każijiet ta' irregolarità [24]. L-Artikolu 140(1) tar-Regolament Nru 1605/2002 – li kien adottat abbażi tal-Artikolu 279 KE – jipprevedi fi kliem simili li l-eżami mill-Qorti tal-Awdituri dwar jekk id-dħul kollu kienx riċevut u

24 — Mil-lat tat-teknika leġiżlattiva, l-Artikolu 248 KE huwa strutturat b'tali mod li l-missjoni ta' verifika tal-Qorti tal-Awdituri hija ddefinita fl-Artikolu 248(1) KE. L-Artikolu 248(2) KE min-naħa l-oħra jelenka l-kriterji li abbażi tagħhom dawn il-verifiki għandhom isiru. L-Artikolu 248(3) KE jistipula r-regoli u n-normi konkreti fir-rigward tat-twettiq tal-imsemmija verifiki. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 248(4) KE jipprevedi r-regoli dwar il-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-verifiki mwettqa. Ara, f'dan ir-rigward, J. Inghelram, "L'arrêt Ismeri: quelles conséquences pour la Cour des Comptes européenne?", *Cahiers de droit européen 2001*, p. 707, b'mod partikolari p. 709 *et seq*; kif ukoll M.B. Engwirda, u A.F.W. Moonen, "De Europese Rekenkamer: positie, bevoegdheden en toekomstperspectief", *SEW 2000*, p. 246, b'mod partikolari p. 249 *et seq*.

dwar jekk in-nefqa kollha kinitx minfuqa f'manjiera legali u xierqa għandu jsir fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tat-Trattati, tal-baġit, tar-Regolament Nru 1605/2002, tar-regoli ta' implementazzjoni u tal-atti l-oħra kollha adottati skont it-Trattati [25].

65. Abbażi ta' dawn ir-regoli dwar il-kompetenza, il-Qorti tal-Awdituri, bħala regola ġenerali, għandha s-setgħa teżamina l-atti kollha tal-istituzzjonijiet u tal-Istati Membri tal-Unjoni li jkollhom rabta diretta suffiċjenti mad-dħul jew mal-infiq tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Awdituri tista' tevalwa l-legalità tal-atti eżaminati tal-istituzzjonijiet u tal-Istati Membri tal-Unjoni fid-dawl tar-regoli u tan-normi kollha tad-dritt tal-Unjoni li jista' jkollhom effett fuq il-finanzi tal-Unjoni [26]. Barra minn hekk, mid-dispożizzjonijiet tat-tieni u tat-tielet subparagrafi tal-Artikolu 248(2) KE, li jipprovdu li l-verifika tad-dħul tista' ssir ukoll abbażi tal-ammonti stabbiliti bħala dovuti u l-verifika tal-infiq wkoll abbażi tal-obbligi assunti, jirriżulta li biex il-Qorti tal-Awdituri twettaq il-verifiki tagħha ma għandhiex għalfejn tistenna li l-operazzjonijiet ikkonċernati ta' dħul jew ta' nfiq ikunu magħluqa, imma anzi tista' tagħżel dik l-hemm imsejħa "verifika parallela" [27].

66. L-eżistenza ta' rabta diretta suffiċjenti bejn l-għan tal-verifika u d-dħul jew l-infiq tal-Unjoni għaldaqstant tikkostitwixxi l-kundizzjoni prinċipali biex ikun hemm kompetenza ta' verifika tal-Qorti tal-Awdituri.

b) Il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni bħala restrizzjoni għall-kompetenza fil-kuntest tal-verifika tal-atti tal-Istati Membri mill-Qorti tal-Awdituri

67. Fil-każ ta' verifika tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, bħala regola ġenerali, huwa suffiċjenti li jkun hemm rabta diretta bejn il-finanzi tal-Unjoni u

25 — Billi r-Regolament Nru 1605/2002 huwa msejjes fuq il-bażi tad-dritt primarju li jikkostitwixxi l-Artikolu 279 KE, il-kwistjoni tas-supremazija tad-dritt sekondarju fir-relazzjoni bejn l-Artikolu 248 KE u l-Artikolu 140(1) tar-Regolament Nru 1605/2002 ma tqumx f'dan il-każ. Fuq il-prinċipju tas-supremazija tad-dritt sekondarju, ara l-punti 99 *et seq* tal-konklużjonijiet tiegħi ppreżentati fil-11 ta' Frar 2010 fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (sentenza tad-29 ta' April 2010, C-160/08, Ġabra p. I-3713).

26 — Minkejja li fis-sentenza tagħha tat-23 ta' April 1986, Les Verts vs Il-Parlament Ewropew (294/83, Ġabra p. 1339, punt 28), il-Qorti tal-Ġustizzja kienet ikkonstatat b'mod ġenerali li l-Qorti tal-Awdituri tista' biss teżamina l-legalità tan-nefqa b'relazzjoni għall-baġit u għall-att tad-dritt sekondarju li minnu tirriżulta dik in-nefqa, dik id-dikjarazzjoni, imqegħda fil-kuntest ġenerali ta' din is-sentenza, ma tistax tiġi interpretata bħala limitazzjoni tal-prinċipju tal-kompetenza ta' verifika tal-Qorti tal-Awdituri għal ċerti regoli tad-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, l-Avukat Ġenerali Mancini, fil-konklużjonijiet tiegħu ppreżentati fil-25 ta' Mejju 1988 fil-kawża Il-Greċja vs Il-Kunsill (sentenza tas-27 ta' Settembru 1988, 204/86, Ġabra p. 5323, punt 5) ġustament enfasizza li l-Qorti tal-Awdituri għandha s-setgħa li tivverifika l-osservanza mhux biss tad-dispożizzjonijiet relatati mal-baġit inklużi fit-trattati jew fir-Regolament finanzjarju, imma ta' kull dispożizzjoni tas-sistema legali Komunitarja sa fejn din ikollha effett fuq l-infiq. F'dan is-sens ukoll: J. Inghelram„"The European Court of Auditors: Current Legal Issues", *CMLR 2000*, p. 129, b'mod partikolari p. 133 *et seq*; kif ukoll M. Ekelmans, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 10), punti 41 u 49.

27 — Ara, f'dan ir-rigward, C. Ehlermann„*Der Europäische Rechnungshof*, Nomos, Baden-Baden 1976, p. 32 *et seq*; kif ukoll S. Mageira„ f'*Das Recht der Europäischen Union* (Editur. Grabitz u Hilf), Artikolu 248 KE, punt 12 (il-40 suppliment, Ottubru 2009).

l-qasam ta' verifika magħżul mill-Qorti tal-Awdituri biex tkun tista' tiġi aċċettata, *ipso facto*, kompetenza ta' verifika tal-Qorti tal-Awdituri.

68. Fil-każ tal-verifika tal-atti tal-Istati Membri, min-naħa l-oħra għandu jittieħed ukoll inkunsiderazzjoni l-fatt li l-Istati Membri jistgħu jieħdu għadd ta' deċiżjonijiet li, minkejja li jikkonċernaw il-finanzi tal-Unjoni, madankollu jaqgħu għalkollox barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Billi skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 248(2) KE, il-Qorti tal-Awdituri għandha d-dritt tevalwa, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni, mhux biss ir-regolarità u t-tmexxija finanzjarja tajba tal-qasam tal-verifika li tkun iddefinixxiet, imma wkoll il-legalità tiegħu [28], fl-opinjoni tiegħi, hija ma tistax tagħmel id-deċiżjonijiet nazzjonali, li l-Istati Membri jkunu adottaw fl-eżerċizzju tas-sovranità li huma żammew mingħajr kundizzjonijiet, issuġġett prinċipali ta' verifika [29].

69. Fir-rigward tal-atti tal-Istati Membri, il-kompetenza ta' verifika tal-Qorti tal-Awdituri b'hekk teżiġi mhux biss li l-atti eżaminati tal-Istati Membri jkollhom rabta diretta suffiċjenti mal-finanzi tal-Unjoni, imma wkoll li, meta jitwettqu dawn l-atti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw irwieħhom li r-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni jiġu osservati.

70. Biex tinftiehem aħjar din ir-restrizzjoni supplimentari għall-kompetenza f'każ ta' verifika tal-atti tal-Istati Membri, jidhirli li jkun utli jekk il-karatteristiċi essenzjali tal-verifiki tal-legalità mwettqa mill-Qorti tal-Awdituri jiġu diskussi fil-qosor.

71. Skont l-Artikolu 248(2) KE, il-Qorti tal-Awdituri tista' tissuġġetta l-atti tal-istituzzjonijiet u tal-Istati Membri tal-Unjoni li jirrigwardaw il-finanzi tal-Unjoni għal verifika tal-legalità. Għalkemm jista' jkun hemm xi punti ta' koinċidenza bejn din il-verifika u l-funzjonijiet ġudizzjarji tal-Qorti tal-Ġustizzja [30], l-implementazzjoni u l-effetti tal-verifiki tal-legalità mwettqa, rispettivament, mill-Qorti tal-Awdituri u mill-Qorti tal-Ġustizzja huma għalkollox

28 — Dwar il-kriterji li l-Qorti tal-Awdituri tista' tuża fil-kuntest tal-eżerċizzju tas-setgħat ta' verifika tagħha, ara l-punti 93 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

29 — Madankollu, dan ma jfissirx li, waqt il-formulazzjoni, l-organizzazzjoni u t-twettiq tal-verifiki tagħha, il-Qorti tal-Awdituri għandha tillimita ruħha esklużivament għal oqsma tematiċi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Anzi, għandu jiġi kkunsidrat li l-Qorti tal-Awdituri, fil-kuntest tal-eżami ta' qasam ta' verifika prinċipali – li fir-rigward tiegħu jkun applikabbli d-dritt tal-Unjoni – tista' teżamina wkoll l-effiċjenza tal-miżuri u tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li l-Istati Membri jkunu ħadu fl-eżerċizzju tas-sovranità regolatorja tagħhom, sa fejn tali eżami jkun adegwat, neċessarju u proporzjonat ħalli jintlaħqu l-għanijiet ġenerali tal-verifika. Ara, f'dan ir-rigward, il-punti 134 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

30 — Pereżempju, ara l-eżami tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-finanzjament mill-Kummissjoni ta' azzjonijiet fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali (Rapport annwali dwar is-sena finanzjarja 1995, ĠU C 340, p. 1), li fi tmiemu l-Qorti tal-Awdituri kkonkludiet li l-finanzjament ta' diversi proġetti mill-baġit tal-Unjoni kien nieqes minn bażi legali (punti 6.122 – 6.126). Wara r-rikors ippreżentat mir-Renju Unit kontra l-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Mejju 1998, Ir-Renju Unit vs Il-Kummissjoni (C-106/96, Ġabra p. I-2729) waslet għall-istess konklużjoni u annullat id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni inkwistjoni.

differenti [31]. Fir-rigward tal-implementazzjoni tal-verifika tal-legalità, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tieħu azzjoni biss wara li tkun ġiet adita b'mod xieraq. Barra minn hekk, ġeneralment il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi abbażi tas-suġġett tal-kawża. Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 248(4) KE, il-Qorti tal-Awdituri tista' min-naħa tagħha taġixxi wkoll fuq inizjattiva tagħha stess billi tkun hija li tiddefinixxi – fil-limiti tal-kompetenzi tagħha – il-kamp tal-verifika. Fir-rigward tal-effetti, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja jakkwistaw madankollu s-saħħa ta' *res judicata* formali u materjali u huma vinkolanti. Il-komunikazzjonijiet, ir-rapporti u l-opinjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri min-naħa l-oħra huma nieqsa minn saħħa vinkolanti formali [32].

vverifikati għandhom awtorità teknika kbira [33]. F'dan il-kuntest, għandu wkoll jiġi osservat li l-verifiki tal-Qorti tal-Awdituri normalment jikkostitwixxu mhux biss verifika, imma fl-istess ħin forma ta' konsultazzjoni mmirata, fejn l-identifikazzjoni u t-trattament ta' difetti fil-funzjonament u ta' nuqqasijiet fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni jkollhom l-għan li titbiddel il-prattika kkonstatata [34].

72. Għaldaqstant, minkejja li l-Qorti tal-Awdituri ma għandhiex il-kompitu, fil-kuntest tal-verifika tal-legalità minnha kondotta, li tiġbed konklużjonijiet legali finali, madankollu jibqa' l-fatt li d-dikjarazzjonijiet tagħha dwar il-legalità tal-operazzjonijiet

73. B'mod partikolari, meta tittieħed inkunsiderazzjoni l-awtorità li għandha l-Qorti tal-Awdituri, il-komunikazzjonijiet, ir-rapporti u l-opinjonijiet tagħha dwar il-legalità tal-atti vverifikati tal-Istati Membri, minkejja li ma għandhomx saħħa vinkolanti formali, jista' jkollhom influwenza kbira fuq l-azzjoni li jieħdu dawn l-Istati Membri fl-oqsma vverifikati. L-eventwalità ta' tali influwenza determinanti tal-Qorti tal-Awdituri tfisser, fil-fehma tiegħi, li ma għandhiex tkun hija li tagħmel l-atti tal-Istati Membri li jaqgħu għalkollox barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni s-suġġett prinċipali tal-verifiki tagħha, anki f'każ li

31 — F'dan ir-rigward, ara M. Ekelmans,,*op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 10), punt 49.

32 — Fil-konklużjonijiet tiegħu ppreżentati fit-3 ta' Mejju 2001 fil-kawża Ismeri Europa vs Il-Qorti tal-Awdituri (sentenza tal-10 ta' Lulju 2001, C-315/99 P, Ġabra p. I-5281, punti 50 *et seq*), l-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarbo Colomer fakkar f'dan ir-rigward li r-rapporti annwali jew speċjali tal-Qorti tal-Awdituri jinkludu l-opinjonijiet u l-osservazzjonijiet tagħha dwar it-tmexxija finanzjarja li hija tkun analizzat. Huwa enfasizza b'mod partikolari li, min-natura tagħhom stess, ir-rapporti ma jistgħux jipproduċu direttament drittijiet u obbligi fir-rigward tal-istituzzjonijiet jew tal-korpi vverifikati. Huma ma jinkludu l-ebda deċiżjoni u kulma jagħmlu huwa li jesprimu opinjoni. F'dawn il-kundizzjonijiet, l-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer ġustament wasal għall-konklużjoni li rapport tal-Qorti tal-Awdituri ma jikkostitwix att li jista' jipproduċi effetti ġuridiċi fir-rigward ta' terzi. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jirriżulta li tali rapport lanqas ma jista' jkun is-suġġett ta' rikors għal annullament. F'dan is-sens, ara J. Inghelram,,*op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 24), p. 726 *et seq*.

33 — F'dan ir-rigward, id-duttrina tenfasizza li għall-ewwel li bdiet taħdem, il-Qorti tal-Awdituri ġiet deskritta minn Hans Kutscher, li dak iż-żmien kien il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, bħala l-"kuxjenza finanzjarja" tal-Unjoni. Ara, *inter alia*, Inghelram, J., *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 3), p. 676.

34 — Dwar din ir-relazzjoni bejn l-attivitajiet ta' verifika u ta' konsulenza tal-Qorti tal-Awdituri, ara M. Freytag,,*Der Europäische Rechnungshof*, Nomos, Baden-Baden, 2005, p. 40 *et seq*.

l-atti inkwistjoni jkollhom rabta diretta mad-dħul jew mal-infiq tal-Unjoni.

74. Fil-fatt, li kieku jkun possibbli li l-atti tal-Istati Membri li jsiru f'qasam fejn ma hemmx regoli tad-dritt tal-Unjoni x'jiġu osservati jkunu jistgħu jsiru s-suġġett prinċipali ta' verifika tal-Qorti tal-Awdituri, ikun hemm ir-riskju li, permezz ta' verifika tal-legalità, il-Qorti tal-Awdituri tkun tista' timponi lill-Istati Membri evalwazzjonijiet fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni f'oqsma fejn dan id-dritt ma għandux jiġi applikat. F'dawn iċ-ċirkustanzi, verifika tal-legalità tal-azzjoni tal-Istati Membri f'oqsma fejn huma ma għandhomx josservaw id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni tmur lil hinn mil-limiti tal-kompetenza tal-Qorti tal-Awdituri [35].

75. Fir-rigward tal-infiq tal-Unjoni, jidhirli li l-eżistenza ta' rabta diretta suffiċjenti bejn l-atti tal-Istati Membri li għandhom jiġu vverifikati u l-infiq tal-Unjoni timplika, b'mod ġenerali, li dawn l-atti jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

35 — Ara, f'dan ir-rigward, anki l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 KE, li jipprovdi li l-Unjoni għandha taġixxi fil-limiti tas-setgħat mogħtija lilha b'dan it-Trattat u tal-miri li ġew assenjati lilha fih. Din il-kompetenza tal-Unjoni, li tikkonċerna r-relazzjoni vertikali bejn l-Istati Membri u l-Unjoni, evidentement tikkmanda anki l-kompetenzi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Dwar is-sovrapożizzjoni tal-kompetenza tal-Unjoni u tal-kompetenzi tal-istituzzjonijiet tagħha, ara von Bogdandy u Bast, "Die vertikale Kompetenzordnung der Europäischen Union", *EuGRZ 2001*, p. 441, b'mod partikolari p. 444 *et seq*.

76. Fir-rigward tad-dħul tal-Unjoni, min-naħa l-oħra, jeżistu għadd ta' regoli, proċeduri, deċiżjonijiet u operazzjonijiet tal-Istati Membri li, filwaqt li jaqgħu għalkollox barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, madankollu jista' jkollhom effett fuq id-dħul tal-Unjoni. Fid-dawl tal-argument żviluppat mill-Gvern Ġermaniż [36], jista' jsir riferiment, f'dan il-kuntest, għar-rabta bejn il-politika ekonomika tal-Istati Membri differenti u r-riżorsi proprji mid-DGN li dawn l-Istati Membri għandhom jipprovdu.

77. Billi d-deċiżjonijiet ta' prinċipju tal-Istati Membri differenti dwar il-politika ekonomika, normalment dejjem ikollhom effett fuq id-DGN ta' dawn l-Istati, huwa inkontestabbli li l-imsemmija deċiżjonijiet tal-Istati Membri fl-aħħar mill-aħħar jinfluwenzaw anki l-kalkolu tad-dħul mid-DGN tal-Unjoni [37]. Tali deċiżjonijiet madankollu ma jistgħux ikunu suġġetti għal verifika tal-Qorti tal-Awdituri, u dan indipendentement mill-fatt li huma jkollhom jew le rabta diretta mad-dħul tal-Unjoni. Fil-fatt f'dan il-kuntest, huwa determinanti li dawn id-deċiżjonijiet jaqgħu għalkollox barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

36 — F'dan ir-rigward, ara l-punt 39 ta' dawn il-konklużjonijiet.

37 — Dwar il-metodu ta' kalkolu preċiż tar-riżorsi proprji mid-DGN, ara l-punt 54 ta' dawn il-konklużjonijiet.

c) L-obbligu li jiġu osservati l-prinċipju ta' sussidjarjetà u l-prinċipju ta' proporzjonalità

78. Minn dak li ngħad iktar 'il fuq jirriżulta li l-atti tal-istituzzjonijiet kif ukoll l-atti – li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni – tal-Istati Membri, li għandhom rabta diretta suffiċjenti mad-dħul jew mal-infiq tal-Unjoni jistgħu, bħala prinċipju, ikunu suġġetti għal verifika tal-Qorti tal-Awdituri. Meta l-Qorti tal-Awdituri tiddeċiedi li tivverifika tali atti, hija madankollu obbligata, waqt il-preparazzjoni, it-twettiq u l-għeluq ta' din il-verifika, tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità kif ukoll – fir-rigward tal-Istati Membri – il-prinċipju ta' sussidjarjetà.

i) Il-prinċipju ta' sussidjarjetà

79. Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 KE, fl-oqsma li ma jaqgħux taħt il-kompetenza esklużiva tagħha, l-Unjoni għandha taġixxi, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, biss, jekk u sakemm l-għanijiet tal-azzjoni proposta ma jkunux jistgħu jintlaħqu sew mill-Istati Membri u għaldaqstant jistgħu, minħabba l-iskala tad-daqs jew l-effetti tal-azzjoni proposta, jintlaħqu aħjar mill-Unjoni.

80. Skont il-punt 1 tal-Protokoll (Nru 30, anness mat-Trattat KE) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi mogħtija lilha, kull istituzzjoni għandha tiżgura ruħha li l-prinċipju ta' sussidjarjetà jiġi osservat [38]. Konsegwentement, fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' verifika tagħha, il-Qorti tal-Awdituri wkoll hija obbligata tosserva l-prinċipju ta' sussidjarjetà.

81. L-applikabbiltà tal-prinċipju ta' sussidjarjetà għall-azzjoni tal-Qorti tal-Awdituri tirriżulta wkoll direttament mill-funzjoni ta' dan il-prinċipju fis-sistema tal-kompetenzi tal-Unjoni. Billi l-prinċipju ta' sussidjarjetà jikkostitwixxi limitu tad-dritt primarju għall-eżerċizzju tal-kompetenzi [39], fis-sistema ġenerali tat-Trattat KE, kwalunkwe trasferiment ta' kompetenzi lil istituzzjonijiet tal-Unjoni għandu jsir neċessarjament bil-kundizzjoni li dawn il-kompetenzi jistgħu jiġu eżerċitati biss b'osservanza tal-prinċipju ta' sussidjarjetà [40].

38 — Skont l-Artikolu 311 KE, dan il-protokoll huwa kkunsidrat bħala li jagħmel parti mid-dritt tal-Unjoni.

39 — F'dan ir-rigward ara, b'mod partikolari, M., Zuleeg, f'*Kommentar zum Vertrag über die Europäische Union und zur Gründung der Europäischen Gemeinschaft* (ed. Groeben u Schwarze), Vol. 1 (is-Sitt Edizzjoni, Baden-Baden 2003), Artikolu 5 KE, punt 26.

40 — Ara, f'dan ir-rigward, Bast u von Bogdandy, f'*Das Recht der Europäischen Union* (Editur Grabitz, Hilf u Nettesheim), Artikolu 5 TUE, punt 50 (it-42 suppliment, Settembru 2010), li ġustament jenfasizzaw f'dan il-kuntest li l-prinċipju ta' sussidjarjetà japplika bħala kriterju ta' verifika meta l-Unjoni "taġixxi", li bħala prinċipju jirreferi għal kull azzjoni ta' istituzzjoni jew ta' entità tal-Unjoni li fir-rigward tagħha tapplika l-kundizzjoni ta' kompetenza.

82. Madankollu, għandu jiġi ppreċiżat f'dan ir-rigward li ksur tal-prinċipju ta' sussidjarjetà mill-Qorti tal-Awdituri jista' jiġi aċċettat biss f'każijiet eċċezzjonali. Sa fejn il-Qorti tal-Awdituri teżamina, fil-kuntest ta' verifiki dwar l-infiq tal-Unjoni, atti tal-Istati Membri, il-kuntest tad-dritt tal-Unjoni li jifforma parti minnu l-finanzjament ġeneralment jimplika wkoll li verifika ta' dawn l-atti ssir fuq il-livell tal-Unjoni u, għaldaqstant, mill-Qorti tal-Awdituri. Bl-istess mod, peress li fil-qasam tad-dħul tal-Unjoni, għandha tiġi vverifikata l-azzjoni ta' diversi Stati Membri, jidhirli li huwa loġiku li l-Qorti tal-Awdituri, ġeneralment, tkun l-iktar korp adattat biex twettaq tali verifika transkonfinali.

83. Fil-każ li l-Qorti tal-Awdituri tillimita verifika tad-dħul tal-Unjoni għal Stat Membru wieħed biss, min-naħa l-oħra, wieħed faċilment jista' jimmaġina ċ-ċirkustanzi li fihom l-għanijiet tal-verifika jistgħu jintlaħqu totalment mill-istituzzjonijiet ta' verifika nazzjonali b'tali mod li verifika diretta mill-Qorti tal-Awdituri tmur kontra l-prinċipju ta' sussidjarjetà. F'każ bħal dan, il-Qorti tal-Awdituri qabelxejn għandha tirreferi l-kwistjoni lill-istituzzjoni nazzjonali kompetenti fejn titlobha twettaq il-verifika prevista u tikkomunikalha r-riżultati tal-verifika kif ukoll l-informazzjoni kollha rilevanti. Jekk l-istituzzjoni ta' verifika nazzjonali topponi tali verifika jew jekk il-Qorti tal-Awdituri ma tapprovax ir-riżultati tal-verifika nazzjonali, il-Qorti tal-Awdituri sussegwentement tkun tista' twettaq hija stess verifika mingħajr ma tikser il-prinċipju ta' sussidjarjetà. Fil-fatt, f'dan il-każ, ir-rifjut tal-istituzzjoni ta' verifika nazzjonali li twettaq din il-verifika, jew riżultati insuffiċjenti – f'għajnejn il-Qorti tal-Awdituri – tal-verifika nazzjonali jikkonferma b'mod ċar li l-għanijiet tal-verifika inkwistjoni fir-rigward tad-dħul tal-Unjoni tabilħaqq ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti fuq il-livell tal-Istati Membri.

84. Waqt is-seduta, mistoqsi dwar il-prinċipju ta' sussidjarjetà, il-Parlament Ewropew sostna li dan il-prinċipju essenzjalment huwa ċċentrat fuq l-azzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni u għaldaqsant jiġi applikat biss fil-kuntest tal-adozzjoni ta' atti vinkolanti mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Issa, peress li l-Qorti tal-Awdituri ma għandhiex setgħat deċiżjonali imma teżerċita sempliċement is-setgħat ta' verifika li ġew ikkonferiti lilha, il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-prinċipju ta' sussidjarjetà ma huwiex normalment applikabbli fir-rigward tal-Qorti tal-Awdituri.

85. Dan ir-raġunament ma huwiex konvinċenti. Minkejja li l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' sussidjarjetà jirrigwardaw qabelxejn attivitajiet leġiżlattivi, dan il-prinċipju normalment jirreferi għall-Unjoni u għaldaqstant, għall-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni, u dan irrispettivament mill-funzjoni li jeżerċitaw l-istituzzjonijiet ikkonċernati. L-unika restrizzjoni li t-Trattat KE

jintroduċi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-prinċipju tirreferi għan-natura tal-kompetenzi eżerċitati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Fil-fatt, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 KE, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma humiex obbligati josservaw il-prinċipju ta' sussidjarjetà biss meta jintervjenu f'qasam li jaqa' taħt il-kompetenzi esklużivi tal-Unjoni [41].

86. Billi, permezz tal-verifika inkwistjoni, il-Qorti tal-Awdituri ma intervjenietx f'qasam li jaqa' taħt il-kompetenzi esklużivi tal-Unjoni, hija b'hekk kienet obbligata tosserva l-prinċipju ta' sussidjarjetà waqt it-twettiq ta' din il-verifika [42].

biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan it-Trattat. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità hawn imsemmi li, skont ġurisprudenza stabbilita, jiġi kkunsidrat ukoll bħala li jagħmel parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju, l-atti tal-istituzzjonijiet ma għandhomx jeċċedu l-limiti ta' dak li huwa idoneu u neċessarju għat-twettiq tal-għanijiet leġittimi li jridu jintlaħqu mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, peress li meta jkun hemm possibbiltà ta' għażla bejn diversi miżuri xierqa, għandha tintgħażel l-inqas waħda restrittiva, u l-inkonvenjenzi li jinħolqu ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet previsti [43].

ii) Il-prinċipju ta' proporzjonalità

87. Skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 5 KE, l-azzjoni meħuda mill-Unjoni ma għandhiex teċċedi dak li huwa neċessarju

88. Fir-rigward tal-applikabbiltà tal-prinċipju ta' proporzjonalità għall-azzjoni tal-Qorti tal-Awdituri, għandu jsir riferiment għall-osservazzjonijiet li saru iktar 'il fuq dwar l-applikabbiltà tal-prinċipju ta' sussidjarjetà. Fil-fatt, fis-sistema ta' kompetenzi tal-Unjoni, il-prinċipju ta' proporzjonalità huwa analizzat ukoll bħala limitu għall-eżerċizzju tal-kompetenzi li l-applikabbiltà tiegħu għall-atti tal-Qorti tal-Awdituri tista' inċidentalment tkun direttament dedotta

41 — Ara, f'dan ir-rigward, Bast u von Bogdandy, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 40), punt 53.

42 — Fil-kamp tat-Trattat KE, id-duttrina dominanti essenzjalment tikkunsidra bħala oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, il-politika kummerċjali komuni, l-iffissar tat-tariffa doganali komuni, il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd, id-dritt intern tal-organizzazzjoni u d-dritt proċedurali kif ukoll il-politika monetarja [ara G. Lienbacher,, f'*EU-Kommentar* (Editur Schwarze), it-Tieni Edizzjoni, Baden-Baden 2009, Artikolu 5 KE, punt 17, flimkien ma' riferiment oħra]. Mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-kompetenzi esklużivi tal-Unjoni issa ġew elenkati b'mod eżawrjenti fl-Artikolu 3 TFUE.

43 — Sentenzi tat-13 ta' Novembru 1990, Fedesa *et* (C-331/88, Ġabra p. I-4023, punt 13); tal-5 ta' Ottubru 1994, Crispoltoni *et* (C-133/93, C-300/93 u C-362/93, Ġabra p. I-4863, punt 41); tat-12 ta' Lulju 2001, Jippes *et* (C-189/01, Ġabra p. I-5689, punt 81); tas-7 ta' Settembru 2006, Spanja vs Il-Kunsill (C-310/04, Ġabra p. I-7285, punt 97); tal-11 ta' Ġunju 2009, Agrana Zucker (C-33/08, Ġabra p. I-5035, punt 31); tal-20 ta' Mejju 2010, Agrana Zucker (C-365/08, Ġabra p. I-4341, punt 29) u tat-8 ta' Lulju 2010, Afton Chemical (C-343/09, Ġabra p. I-7027, punt 45).

mill-punt 1 tal-Protokoll (Nru 30) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità.

89. Waqt is-seduta, mistoqsijin dwar il-prinċipju ta' proporzjonalità, il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Qorti tal-Awdituri ddikjaraw li kienu kontra applikazzjoni ta' dan il-prinċipju għall-azzjoni tal-Qorti tal-Awdituri. F'dan ir-rigward, il-Parlament Ewropew sostna li l-imsemmi prinċipju japplika biss fir-rigward tal-atti leġiżlattivi. Il-Qorti tal-Awdituri min-naħa tagħha enfasizzat li ma teżistix regola *de minimis* għall-eżerċizzju tal-kompetenzi ta' verifika tagħha.

90. Dawn l-argumenti ma jikkonvinċunix. Minkejja li l-kwistjonijiet kruċjali ta' interferenza sproporzjonata fl-isfera ta' kompetenza tal-Istati Membri, fil-prattika, għandhom jinqalgħu prinċipalment fir-rigward ta' atti legali vinkolanti tal-Unjoni, il-kamp ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità jkopri kull azzjoni tal-Unjoni [44]. Il-Qorti tal-Awdituri għaldaqstant hija wkoll obbligata tosserva dan il-prinċipju fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħha.

91. B'hekk, kif diġà ġie spjegat drabi oħra, fil-kuntest tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, bħala prinċipju, dan għandu jkun imsejjes fuq eżami fuq tliet livelli [45], sabiex jiġu stabbiliti, fl-ewwel lok, l-adegwatezza, fit-tieni lok, in-neċessità u, fit-tielet lok, in-natura mhux sproporzjonata tal-atti inkwistjoni.

92. Fl-aħħar nett, għaldaqstant għandu jiġi kkunsidrat li l-azzjoni tal-Qorti tal-Awdituri għandha tkun evalwata fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Ikun hemm lok li jiġi kkonstatat ksur ta' dan il-prinċipju b'mod partikolari fil-każ ta' inadegwatezza, nuqqas ta' neċessità jew sproporzjonalità ta' din l-azzjoni fid-dawl tal-għanijiet imsemmija.

2. Il-kriterji ta' verifika għall-verifika tal-kontijiet mill-Qorti tal-Awdituri

93. Il-kriterji ta' evalwazzjoni li l-Qorti tal-Awdituri tista' tuża fl-eżerċizzju

44 — Ara, f'dan ir-rigward, Bast u von Bogdandy, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 40), punt 69.

45 — Fir-rigward ta' din l-istruttura maqsuma fi tliet partijiet tal-istħarriġ tal-proporzjonalità, ara b'mod partikolari, il-konklużjonijiet tiegħi ppreżentati fil-21 ta' Jannar 2010 fil-kawża Agrana Zucker (sentenza tal-20 ta' Mejju 2010, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 43), punt 60, fl-24 ta' Ġunju 2010 fil-kawża Chabo (sentenza tal-25 ta' Novembru 2010, C-213/09, Ġabra p. I-12109), punt 67; u fis-7 ta' Settembru 2010 fil-kawża AJD Tuna (sentenza tas-17 ta' Marzu 2011, C-221/09, Ġabra p. I-1655)), punt 94. Ara wkoll D., Simon, "Le contrôle de proportionnalité exercé par la Cour de Justice des Communautés Européennes", *Petites affiches 2009*, Nru 46, p. 17, b'mod partikolari p. 20 *et seq.* Skont dak l-awtur, l-istħarriġ tal-leġittimità tal-għanijiet segwiti u dak tal-motivi suġġettivi li jkunu wasslu għall-adozzjoni tal-miżura inkwistjoni jikkostitwixxi, f'ċerti sentenzi, żewġ fażijiet ta' stħarriġ supplimentari.

tal-kompetenzi ta' verifika tagħha huma elenkati fl-Artikolu 248(2) KE. Skont din id-dispożizzjoni, il-Qorti tal-Awdituri għandha teżamina (1) jekk id-dħul kollu jkunx daħal u n-nefqa kollha tkunx intefqet b'manjiera legali u (2) regolari u (3) jekk it-tmexxija finanzjarja kinitx tajba, filwaqt li (4) tiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari għal każijiet ta' irregolarità.

94. Fil-prattika, il-Qorti tal-Awdituri ġeneralment ma tagħmilx distinzjoni formali bejn il-verifika tal-legalità u dik tar-regolarità tad-dħul u tal-infiq tal-Unjoni [46]. Jekk tabilħaqq għandha ssir distinzjoni bejn dawn iż-żewġ kunċetti, verifika tar-regolarità, ġeneralment tista' tinftiehem bħala l-verifika ta' kemm l-elementi baġitarji huma eżatti mil-lat kontabbli, filwaqt li l-verifika tal-legalità tikkonsisti fil-verifika tal-konformità tas-suġġett tal-verifika mad-dritt rilevanti tal-Unjoni [47].

95. Il-verifika ta' tmexxija finanzjarja tajba essenzjalment tirrigwarda r-relazzjoni bejn l-għan tal-azzjoni vverifikata u l-mezzi użati. Għal dan il-għan, jiġi eżaminat b'mod partikolari jekk intużawx l-aħjar mezzi sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti [48]. Minkejja li skont kunċett tradizzjonali, verifika ta' tmexxija finanzjarja tajba bħala prinċipju ssir b'relazzjoni għall-infiq tal-Unjoni [49], jidhirli li verifika tat-tmexxija finanzjarja fis-sens tal-Artikolu 248(2) KE tista' ssir ukoll fir-rigward tad-dħul tal-Unjoni. Dan huwa dak li jirriżulta b'mod partikolari mill-istruttura tal-Artikolu 248 KE, fejn l-Artikolu 248(1) KE jiddefinixxi l-missjoni ta' verifika tal-Qorti tal-Awdituri u l-Artikolu 248(2) KE jistabbilixxi l-kriterji ta' eżami li għandhom jiġu applikati f'dan il-kuntest [50]. Billi, l-missjoni ta' verifika tal-Qorti tal-Awdituri tikkonċerna, abbażi tal-Artikolu 248(1) KE, kemm l-infiq kif ukoll id-dħul tal-Unjoni, ma hemm l-ebda raġuni loġika sabiex il-verifiki abbażi tal-kriterju ta' tmexxija finanzjarja tajba pprovdut fl-Artikolu 248(2) KE jiġu limitati għall-infiq tal-Unjoni.

96. Fil-kuntest tal-eżami tagħha tal-finanzi tal-Unjoni, il-Qorti tal-Awdituri għandha wkoll tiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari għal kull irregolarità. B'"irregolarità", f'dan il-kuntest, għandhom jinftiehmu n-nuqqasijiet

46 — Ara, b'mod partikolari. M. Ekelmans,„*op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 10), punt 42.

47 — F'dan is-sens, M. Ekelmans,„*op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 10), punti 41 *et seq*; kif ukoll M. Freytag,„*op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 34), p. 44. Fuq il-karatteristiċi essenzjali tal-verifiki tal-legalità min-naħa tal-Qorti tal-Awdituri, ara l-punti 71 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

48 — Ara J. Inghelram„ Artikolu 287 TFUE f'*EUI-Verträge: Kommentar nach dem Vertrag von Lissabon* (Editur. Lenz u Borchardt), Köln 2010, punt 5.

49 — F'dan ir-rigward, ara, b'mod partikolari, M. Freytag,„*op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 34), p. 44, li jsostni li l-prinċipju ta' tmexxija finanzjarja tajba jinvolvi essenzjalment żewġ dimensjonijiet: fil-kuntest ta' tmexxija finanzjarja tajba, għandu jew jintlaħaq riżultat ottimali permezz tal-implementazzjoni predeterminata tal-mezzi finanzjarji, jew jintlaħaq, bl-inqas piżijiet finanzjarji possibbli, ċertu għan politiku b'kontenut iddefinit.

50 — Dwar dan il-punt, ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 24 ta' dawn il-konklużjonijiet.

ta' legalità, ta' regolarità u ta' tmexxija tajba li jaffettwaw id-dħul jew l-infiq tal-Unjoni [51].

3. Konklużjoni provviżorja

97. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nikkonkludi li bħala prinċipju l-Qorti tal-Awdituri għandha s-setgħa teżamina l-atti kollha tal-istituzzjonijiet u tal-Istati Membri tal-Unjoni li jkollhom rabta diretta suffiċjenti mad-dħul jew mal-infiq tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, l-azzjoni ta' Stat Membru madankollu tista' ssir is-suġġett prinċipali ta' verifika tal-Qorti tal-Awdituri biss jekk hija taqa' taħt id-dritt tal-Unjoni. Dan huwa partikolarment il-każ meta l-Istati Membri jkunu obbligati jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni fil-kuntest tal-adozzjoni jew tad-determinazzjoni tar-regoli, tal-proċeduri, tal-operazzjonijiet jew tad-deċiżjonijiet eżaminati.

98. Fl-eżerċizzju tal-kompetenzi ta' verifika tagħha, il-Qorti tal-Awdituri għandha tirrispetta kemm il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità. Fil-kuntest tal-verifiki tagħha, il-Qorti tal-Awdituri tista' teżamina kemm il-legalità u r-regolarità tal-atti vverifikati kif ukoll l-effiċjenza ta' dawn l-atti u għandha tiġbed l-attenzjoni, f'dan il-kuntest, għal kull irregolarità.

51 — S. Mageira,*„op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 27), punt 11. Ara wkoll, f'dan ir-rigward, J. Inghelram,*„op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 24), p. 724 *et seq*.

D — *Il-kompetenza tal-Qorti tal-Awdituri biex tivverifika l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud abbażi tar-Regolament Nru 1798/2003*

99. Mill-osservazzjonijiet preċedenti jirriżulta li aċċettazzjoni tal-kompetenza tal-Qorti tal-Awdituri biex tkun ivverifikata l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud tippreżumi li dan is-suġġett tal-verifika jkollu rabta diretta suffiċjenti mal-finanzi tal-Unjoni u jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

100. Huwa faċli li tingħata tweġiba fl-affermattiv għall-mistoqsija dwar jekk il-kooperazzjoni tal-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud li hija eżaminata mill-Qorti tal-Awdituri taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, il-verifika inkwistjoni għandha l-għan li tivverifika din il-kooperazzjoni "abbażi tar-Regolament Nru 1798/2003". Minn dan jirriżulta direttament li l-kooperazzjoni amministrattiva eżaminata taqa', bħala prinċipju, taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Unjoni.

101. L-eżistenza ta' rabta diretta suffiċjenti bejn il-qasam tal-verifika u d-dħul jew l-infiq tal-Unjoni għaldaqstant hija determinanti sabiex titwieġeb il-mistoqsija jekk il-Qorti tal-Awdituri għandhiex is-setgħa twettaq il-verifika inkwistjoni. L-ewwel nett, ser neżamina jekk teżistix tali rabta. Billi jiena tal-fehma li għandha tiġi aċċettata l-eżistenza ta' rabta diretta suffiċjenti mal-finanzi tal-Unjoni, sussegwentement biħsiebni

niddiskuti jekk il-Qorti tal-Awdituri osservatx il-prinċipju ta' sussidjarjetà u l-prinċipju ta' proporzjonalità waqt il-verifika tagħha. B'dan il-mod, se tiġi indirizzata wkoll il-kritika li saret mill-Gvern Ġermaniż fir-rigward ta' ċerti osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri inklużi fir-Rapport Speċjali tagħha Nru 8/2007.

1. Il-verifika tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud abbażi tar-Regolament Nru 1798/2003 għandha rabta diretta suffiċjenti mad-dħul tal-Unjoni

102. Fil-kuntest tal-eżami dwar jekk il-verifika inkwistjoni tal-Qorti tal-Awdituri għandhiex rabta diretta suffiċjenti mal-finanzi tal-Unjoni, qabelxejn, hemm lok li jiġi miċħud bħala inammissibbli l-argument tal-Kummissjoni li din il-verifika tikkonċerna l-infiq tal-Unjoni.

103. Ċertament, il-partijiet jaqblu li l-ħolqien u l-funzjonament ta' ċerti sistemi ta' informazzjoni li ġew introdotti sabiex fl-Istati Membri tiġi implementata u titwettaq il-kooperazzjoni prevista fir-Regolament Nru 1798/2003 kienu (ko)finanzjati mill-baġit tal-Unjoni, b'tali mod li dan l-infiq, bħala prinċipju, jista' jkun suġġett għal verifika tal-Qorti tal-Awdituri. Madankollu, il-Gvern Ġermaniż ġustament jenfasizza li l-Kummissjoni qajmet dan il-motiv mhux fir-rikors, imma biss fir-replika. Għal din ir-raġuni biss diġà hemm lok li dan l-argument tal-Kummissjoni jiġi miċħud bħala inammissibbli abbażi tal-Artikolu 42(2) tar-Regoli tal-Proċedura.

104. F'dan l-każ, għaldaqstant, għad irid jiġi vverifikat jekk il-verifika prevista mill-Qorti tal-Awdituri u miċħuda mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja fir-rigward tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud għandhiex rabta diretta suffiċjenti mad-dħul tal-Unjoni.

105. Fil-fehma tiegħi, fl-aħħar mill-aħħar din il-mistoqsija għandha tingħata risposta fl-affermattiv.

106. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar qabelxejn li s-sistema ta' kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud, kif prevista fir-Regolament Nru 1798/2003, essenzjalment hija intiża sabiex jiġu miġġielda l-frodi u l-evażjoni fiskali li jestendu lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri, sa fejn l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri huwa indispensabbli għal applikazzjoni tajba tar-regoli fil-qasam

tat-taxxa fuq il-valur miżjud [52]. B'mod partikolari, f'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Awdituri riedet tkun taf jekk l-Istati Membri li pparteċipaw fil-verifika kinux stabbilew l-istrutturi amministrattivi u organizzattivi sabiex jiżguraw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi prevista mir-Regolament Nru 1798/2003. Il-Qorti tal-Awdituri riedet ukoll teżamina u tevalwa, permezz ta' kampjun ta' diversi talbiet konkreti għal informazzjoni, l-iżvolġiment prattiku tal-"[i]skambju ta' informazzjoni fuq talba" previst fl-Artikoli 5 *et seq* tal-imsemmi regolament, bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li pparteċipaw fil-verifika [53].

107. Konsegwentement, il-verifika tal-Qorti tal-Awdituri tirrigwarda l-implementazzjoni ġuridika u prattika tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni relatati mat-titjib tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud. Billi din il-kooperazzjoni għandha bħala għan aħħari l-istabbiliment korrett tal-VAT li hija dovuta lill-Istati Membri fuq il-provvisti ta' oġġetti u ta' servizzi kif ukoll fuq l-akkwisti intra-Komunitarji ta' oġġetti u fuq l-importazzjoni ta' oġġetti, il-verifika tikkonċerna, kif osservat ġustament ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, qabelxejn, l-interessi finanzjarji tal-Istati Membri kkonċernati. Fil-fatt, tnaqqis fil-frodi u fl-evażjoni fiskali fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud fl-aħħar mill-aħħar jissarraf f'iktar dħul mill-VAT għall-Istati Membri.

108. Madankollu, mid-deskrizzjoni li ngħatat iktar 'il fuq tas-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni jirriżulta wkoll li l-livell ta' dħul mill-VAT tal-Istati Membri jaffettwa b'diversi modi l-imsemmija sistema. Billi l-bażi taxxabbli tar-riżorsi proprji mill-VAT rilevanti għal kull Stat Membru tiġi kkalkolata abbażi tad-dħul effettiv mill-VAT ta' kull Stat Membru, żieda fid-dħul nazzjonali mill-VAT bħala prinċipju jwassal awtomatikament għal żieda fid-dħul proprju mill-VAT li huwa dovut minn dan l-Istat Membru lill-Unjoni [54]. B'infiq kostanti, tali żieda fid-dħul proprju mill-VAT twassal ukoll għal tnaqqis fir-riżorsi proprji mid-DGN li huma neċessarji sabiex ikun żgurat il-finanzjament tal-baġit tal-Unjoni Ewropea [55].

109. F'dan il-kuntest, naturalment wieħed għandu dejjem iżomm quddiem għajnejh li dħul ikbar mill-VAT ta' Stat Membru jkollu effett fuq l-ammont ta' riżorsi proprji mill-VAT dovuti minn dak l-Istat Membru biss jekk il-bażi taxxabbli tar-riżorsi proprji

52 — F'dan ir-rigward, ara b'mod partikolari l-premessi 1 sa 3 tar-Regolament Nru 1798/2003.

53 — Huwa b'dan il-mod li l-għan tal-verifika ġie ppreżentat f'diversi ittri li l-Qorti tal-Awdituri baghtet lill-Qorti tal-Awdituri Federali kif ukoll lill-Ministeru Federali tal-Finanzi. Dwar l-iskambju ta' ittri bejn il-Qorti tal-Awdituri u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ara l-punti 14 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

54 — F'dan ir-rigward, ara l-punt 53 ta' dawn il-konklużjonijiet.

55 — Dwar din il-korrelazzjoni bejn il-livell tar-riżorsi proprji mid-DGN, minn naħa, u dak tar-riżorsi proprji oħra, min-naħa l-oħra, ara l-punt 54 ta' dawn il-konklużjonijiet.

mill-VAT ma tiġix limitata [56]. Din l-eċċezzjoni madankollu ma hijiex rilevanti f'dan il-każ. Fil-fatt, problemi ta' natura strutturali jew prattika li jaffettwaw il-funzjonament ta' uffiċċju ċentrali ta' kollegament jinfluwenzaw l-istabbiliment korrett tal-VAT mhux biss fl-Istat ta' dak l-uffiċċju imma wkoll fl-Istati Membri l-oħra kollha li jibagħtu t-talbiet għal informazzjoni lill-Istat Membru kkonċernat.

110. Ir-rabta mill-qrib bejn id-dħul mill-VAT tal-Istati Membri u r-riżorsi proprji mill-VAT tal-Unjoni ġiet enfasizzata diversi drabi fis-Sitt Direttiva tal-VAT [57]. B'hekk it-tieni premessa tal-imsemmija direttiva diġà tipprovdi li l-baġit tal-Unjoni għandu, irrispettivament minn dħul ieħor, ikun iffinanzjat kompletament mir-riżorsi proprji tal-Unjoni, li jinkludu, *inter alia*, dawk li joriġinaw mit-taxxa fuq il-valur miżjud. Il-ħdax u l-erbatx-il premessi jirreferu, f'dan ir-rigward, għan-neċessità li r-regoli sostantivi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud jiġu armonizzati sabiex ikun żgurat li r-riżorsi proprji mill-VAT ikunu jistgħu jinġabru b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha.

111. Fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rabta mill-qrib li teżisti bejn l-irkupru tat-taxxa fuq il-valur miżjud mill-Istati Membri u l-ħlas min-naħa tagħhom tar-riżorsi proprji mill-VAT lill-Unjoni wkoll ġiet ikkonfermata b'mod konsistenti.

112. Nikkunsidra bħala partikolarment istruttivi f'dan ir-rigward tliet sentenzi tat-12 ta' Settembru 2000 [58], fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li n-nuqqas ta' determinazzjoni tal-VAT nazzjonali fir-rigward ta' operazzjonijiet li, f'konformità mas-Sitt Direttiva tal-VAT, huma bħala prinċipju suġġetti għall-VAT, jikkostitwixxi ksur mill-Istat Membru kompetenti biex jirkupra l-VAT mhux biss tal-imsemmija direttiva imma wkoll, sal-istess punt, tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-ġbir tar-riżorsi proprji mill-VAT. Insostenn tar-raġunament tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod partikolari enfasizzat li, sa fejn operazzjoni li taqa' taħt il-VAT ma tkunx ġiet suġġetta għal din it-taxxa, l-ammonti korrispondenti ma jkunux ittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi ddeterminata l-bażi tar-riżorsi proprji mill-VAT. Dan huwa suffiċjenti sabiex jiġi aċċettat li kien hemm ksur tal-leġiżlazzjoni dwar is-sistemi tar-riżorsi proprji tal-Unjoni [59].

113. Fil-ġurisprudenza iktar reċenti tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ħatfet l-okkażjoni offruta mill-eżami ta' skema ta' amnestija Taljana fil-qasam tal-VAT biex għal darba oħra tenfasizza r-rabta li hemm bejn il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar id-determinazzjoni tar-riżorsi proprji mill-VAT

56 — F'dan ir-rigward, ara l-punt 53 ta' dawn il-konklużjonijiet.

57 — Direttiva 77/388.

58 — Sentenzi Il-Kummissjoni vs Franza (C-276/97, Ġabra p. I-6251); Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-358/97, Ġabra p. I-6301); u Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (C-359/97, Ġabra p. I-6355).

59 — Ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Il-Kummissjoni vs Franza (punti 55 *et seq*); Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (punti 64 *et seq*); u Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (punti 76 *et seq*).

u l-obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw irwieħhom mill-ġbir korrett tal-VAT. Għal dan il-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja qabelxejn ippreċiżat li l-Istati Membri huma obbligati jiggarantixxu li l-persuni taxxabbli josservaw l-obbligi li jirriżultaw mis-sistema komuni tal-VAT. Minkejja li l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-Istati Membri għandhom ċerta flessibbiltà fir-rigward ta' kif għandhom jużaw il-mezzi għad-dispożizzjoni tagħhom, madankollu fl-istess ħin hija enfasizzat li din il-marġni ta' diskrezzjoni hija limitata mill-obbligu li jiġi żgurat ġbir effettiv tar-riżorsi proprji tal-Unjoni u mill-obbligu li ma jinħolqux differenzi sinjifikattivi fil-mod ta' kif jiġu ttrattati l-persuni taxxabbli [60]. Meta għamlet din il-konstatazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja fl-aħħar mill-aħħar ikkonfermat espressament li obbligi ppreċiżati fil-kuntest tal-ġbir tal-VAT mill-Istati Membri jistgħu jirriżultaw ukoll minn obbligi li jirrigwardaw it-tqegħid għad-dispożizzjoni tar-riżorsi proprji mill-VAT minn dawn l-Istati.

114. Fi ftit kliem, għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud abbażi tar-Regolament Nru 1798/2003 isservi għad-determinazzjoni regolari tat-taxxa fuq il-valur miżjud fl-Istati Membri, billi huwa ppreċiżat li għandu jkun hemm tnaqqis fl-evażjoni u fil-frodi fiskali fil-qasam tal-VAT u, għaldaqstant, żieda fid-dħul mill-VAT nazzjonali. B'mod partikolari meta jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat, f'ġurisprudenza stabbilita, ir-relazzjoni diretta li teżisti bejn id-dħul mill-VAT tal-Istati Membri u r-riżorsi proprji mill-VAT tal-Unjoni, ma jistax jiġi raġonevolment ikkontestat li l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud abbażi tar-Regolament Nru 1798/2003 għandha rabta diretta suffiċjenti mad-dħul tal-Unjoni. Billi din il-kooperazzjoni taqa' wkoll taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, bħala prinċipju din tista' tkun suġġetta għal verifika tal-Qorti tal-Awdituri.

115. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nikkonkludi li għandu jiġi kkunsidrat li l-verifika inkwistjoni tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud abbażi tar-Regolament Nru 1798/2003 hija verifika fil-qasam tad-dħul tal-Unjoni, li bħala prinċipju taqa' taħt il-kompetenzi ta' verifika tal-Qorti tal-Awdituri abbażi tal-Artikolu 248(1) u (2) KE kif ukoll tal-Artikolu 140(1) tar-Regolament Nru 1605/2002.

2. Fuq l-osservanza tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u tal-prinċipju ta' proporzjonalità

116. Billi ġie kkonstatat li l-Qorti tal-Awdituri kellha s-setgħa twettaq il-verifika inkwistjoni, issa jonqos li jiġi vverifikat jekk din is-setgħa ta' verifika ġietx eżerċitata tassew f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

60 — Sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-132/06, Ġabra p. I-5457, punti 37 *et seq*).

F'dan ir-rigward, qabelxejn ser neżamina jekk il-verifika inkwistjoni hijiex kompatibbli mal-prinċipju ta' sussidjarjetà. Sussegwentement, ser nindirizza l-proporzjonalità ta' din il-verifika.

a) Fuq l-osservanza tal-prinċipju ta' sussidjarjetà

117. Billi meta twettaq il-verifika inkwistjoni, il-Qorti tal-Awdituri ma tintervjenix f'qasam li jaqa' taħt il-kompetenzi esklużivi tal-Unjoni, hija obbligata tosserva l-prinċipju ta' sussidjarjetà waqt l-implementazzjoni tal-imsemmija verifika [61]. Madankollu, il-proċess ma jinkludi l-ebda prova li tippermetti li jiġi konkluż li l-Qorti tal-Awdituri ma osservatx dan il-prinċipju waqt il-verifika inkwistjoni.

118. Fil-kuntest tal-preparazzjoni għall-verifika, il-Qorti tal-Awdituri informat lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja [62] li hija kellha l-intenzjoni tivverifika jekk l-Istati Membri parteċipanti fil-verifika kinux stabbilew l-istrutturi amministrattivi u organizzattivi sabiex jiżguraw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi prevista mir-Regolament Nru 1798/2003. Il-Qorti tal-Awdituri xtaqet ukoll teżamina u tevalwa, abbażi ta' kampjun ta' diversi talbiet konkreti għal skambju ta' informazzjoni, l-iżvolġiment prattiku tal-"[i] skambju ta' informazzjoni fuq talba" li huwa rregolat fl-Artikoli 5 *et seq* tal-imsemmi regolament, bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri parteċipanti fil-verifika.

119. Iffaċċjata bir-riżervi tal-Gvern Ġermaniż, il-Qorti tal-Awdituri, b'ittra tad-9 ta' Novembru 2006 mibgħuta lill-Ministru Federali tal-Finanzi [63], indikat li kien previst li jiġi eżaminat kampjun ta' talbiet għal informazzjoni li saru mill-uffiċċju ċentrali ta' kollegament u/jew li ġew riċevuti mingħand Stati Membri oħra fl-2005 sabiex tkun evalwata fil-prattika l-kooperazzjoni amministrattiva f'każ ta' talbiet għal informazzjoni. L-operazzjonijiet taxxabbli (u l-applikazzjoni tajba tat-taxxa fuq il-valur miżjud) stess, sa fejn dawn setgħu jirriżultaw mid-dokumenti li kellhom jiġu eżaminati, ma kinux suġġetti għall-verifika. Pjuttost, kellhom jiġu vverifikati l-effikaċja u l-effettività tal-kooperazzjoni amministrattiva. Ir-riżultati tal-verifika kellhom jippermettu li jinġibdu konklużjonijiet bil-għan ta' ġlieda iktar effikaċi kontra l-evażjoni u l-frodi fiskali fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

120. B'mod partikolari, meta jittieħdu inkunsiderazzjoni l-aspetti transkonfinali tal-qasam tal-verifika, tal-proċedura ta' verifika kif ukoll tal-għanijiet tal-verifika,

61 — Ara l-punti 79 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

62 — Għal ħarsa ġenerali lejn il-korrispondenza skambjata bejn il-Qorti tal-Awdituri u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ara l-punti 14 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

63 — Mehmuża fl-Anness 4 tar-rikors.

jidher ċar li l-verifika inkwistjoni la setgħetx raġonevolment tiġi ppreparata u titwettaq mill-Qorti tal-Awdituri nazzjonali u lanqas minn qrati nazzjonali ta' verifika oħrajn.

121. Il-proċedura prevista fl-Artikolu 35 tar-Regolament Nru 1798/2003 sabiex dan ir-regolament jiġi eżaminat u evalwat mill-Kummissjoni f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri lanqas ma tirrappreżenta, f'dan il-kuntest, alternattiva għalkollox valida għal verifika mill-Qorti tal-Awdituri tal-kooperazzjoni tal-awtoritajiet amministrattivi kkonċernati. Fil-fatt, il-proċedura prevista fl-Artikolu 35 tar-Regolament Nru 1798/2003 ma tantx tippermetti li jitwettqu b'mod ċentralizzat u sistematiku verifika u evalwazzjoni tal-kooperazzjoni transkonfinali bejn l-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali differenti, billi l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti huwa, *inter alia,* ivverifikat u evalwat permezz ta' diversi kampjuni.

122. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nikkonkludi li l-prinċipju ta' sussidjarjetà ma jipprekludix it-twettiq tal-verifika inkwistjoni f'dan il-każ mill-Qorti tal-Awdituri.

b) Fuq l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità

123. Permezz tal-verifika inkwistjoni f'dan il-każ, il-Qorti tal-Awdituri riedet tanalizza ċerti aspetti kemm strutturali kif ukoll prattiċi tal-kooperazzjoni amministrattiva fis-sens tar-Regolament Nru 1798/2003 sabiex minn hekk tkun tista' tiġbed xi konklużjonijiet bil-għan ta' ġlieda iktar effikaċi kontra l-evażjoni u l-frodi fiskali fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud. Din il-verifika kellha l-għan li tevalwa jekk l-iskambji ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri kinux imwettqa fi żmien xieraq u b'mod effikaċi, u jekk kinux ġew stabbiliti strutturi u proċeduri amministrattivi xierqa sabiex jingħata sostenn lill-kooperazzjoni amministrattiva [64].

124. Mid-deskrizzjoni tal-għanijiet tal-verifika kif ukoll mill-informazzjoni inkluża fil-proċess jirriżulta li l-Qorti tal-Awdituri kellha l-intenzjoni li tivverifika l-kooperazzjoni tal-awtoritajiet amministrattivi essenzjalment abbażi tal-kriterji tal-"manjiera legali" kif ukoll tat-"tmexxija finanzjarja […] tajba" stabbiliti fl-Artikolu 248(2) KE [65].

125. F'dan ir-rigward, il-programm taż-żjara mibgħut lill-Qorti tal-Awdituri Federali fis-7 ta' Settembru 2006, li fih il-Qorti tal-Awdituri elenkat l-oqsma tematiċi li kellhom jiġu indirizzati fil-kuntest taż-żjara ta' verifika prevista fl-uffiċċju ċentrali ta'

64 — F'dan is-sens, espressament ir-Rapport Speċjali Nru 8/2007, punt 12.

65 — Ara, f'dan ir-rigward, il-punti 93 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

kollegament, huwa ħjiel partikolarment ċar [66]. B'mod partikolari, minn dan il-programm jirriżulta li, minn naħa, fil-kuntest ta' verifika tal-legalità, il-Qorti tal-Awdituri xtaqet tivverifika jekk ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, abbażi tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1798/2003, kinitx stabbiliet uffiċċju ċentrali ta' kollegament u jekk l-iskambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi kinux jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-regolament. Min-naħa l-oħra, fil-kuntest ta' verifika tat-tmexxija finanzjarja tajba, il-Qorti tal-Awdituri xtaqet teżamina jekk il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi setgħetx tiġi organizzata b'mod iktar effikaċi.

126. Fil-kuntest tal-verifika tal-kooperazzjoni amministrattiva hekk organizzata, il-Qorti tal-Awdituri hija obbligata tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità. Dan il-prinċipju jeżiġi b'mod partikolari li l-proċeduri ta' verifika differenti jkunu *idonei*, *neċessarji* u *adegwati* biex jintlaħqu l-għanijiet tal-verifika [67].

127. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, miżura hija *idonea* sabiex tiżgura t-twettiq tal-għan invokat jekk hija verament tipprovdi sabiex dan l-għan jintlaħaq b'mod koerenti u sistematiku [68]. Miżura hija *neċessarja* meta minn fost diversi miżuri idonei biex jinkiseb l-għan intiż, din tirriżulta li tkun l-inqas waħda oneruża għall-interess jew għall-beni ġuridiku kkonċernat [69]. Restrizzjoni tkun *sproporzjonata* fid-dawl tal-interessi jew tal-beni kkonċernati meta l-miżura, minkejja l-kontribuzzjoni li hija tagħti sabiex jintlaħqu l-għanijiet intiżi leġittimi tagħha, twassal għal intereferenza eċċessiva fil-konfront ta' dawn l-interessi jew ta' dawn il-beni.

128. Fir-rigward tan-*natura idonea* tal-verifika inkwistjoni sabiex jintlaħqu l-għanijiet tagħha, jidher ċar, fil-fehma tiegħi, li l-proċeduri ta' verifika tal-Qorti tal-Awdituri għandhom l-għan li jissuġġettaw l-aspetti kemm strutturali kif ukoll prattiċi tal-kooperazzjoni amministrattiva għal verifika koerenti u sistematika. Konsegwentement, il-verifika hija idonea sabiex jintlaħaq l-għan tagħha, li jikkonsisti fl-analiżi tal-legalità u tal-effiċjenza tal-iskambji ta' informazzjoni bejn Stati Membri kif ukoll tal-istrutturi u tal-proċeduri amministrattivi stabbiliti għal dan il-għan.

129. Il-proċeduri ta' verifika tal-Qorti tal-Awdituri, fil-fehma tiegħi, huma wkoll *neċessarji* sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet. B'mod partikolari, ma huwiex ċar kif verifika inqas dettaljata tal-amministrazzjonijiet tal-finanzi nazzjonali kif ukoll

66 — Dan id-dokument huwa mehmuż man-nota ta' intervent tal-Qorti tal-Awdituri. Ara l-punti 15 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

67 — Ara l-punti 91 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

68 — Ara s-sentenzi tas-17 ta' Novembru 2009, Presidente del Consiglio dei Ministri (C-169/08, Ġabra p. I-10821, punt 42); u tal-11 ta' Marzu 2010, Attanasio Group (C-384/08, Ġabra p. I-2055, punt 51).

69 — Sentenza tal-11 ta' Lulju 1989, Schräder (265/87, Ġabra p. 2237, punt 21).

tal-metodi operattivi differenti setgħet tagħti l-informazzjoni mixtieqa.

130. Fil-kuntest tal-verifika tal-*adegwatezza* tal-verifika inkwistjoni, għandu jiġi partikolarment eżaminat jekk il-proċeduri ta' verifika tal-Qorti tal-Awdituri wasslux għal interferenza eċċessiva fl-isfera ta' kompetenza tal-Istati Membri kkonċernati.

131. Permezz tal-verifika inkwistjoni, il-Qorti tal-Awdituri xtaqet, minn naħa, tivverifika jekk ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1798/2003, kinitx stabbiliet uffiċċju ċentrali ta' kollegament u jekk l-iskambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi kinux jissodisfaw ir-rekwżiti ta' dan ir-regolament. Min-naħa l-oħra, hija xtaqet teżamina jekk il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi setgħetx tiġi organizzata b'mod iktar effikaċi. Minkejja li din il-verifika tal-effiċenzja tal-proċeduri amministrattivi konkreti timplika analiżi kritika tad-deċiżjonijiet tal-Istati Membri li jaqgħu taħt l-awtonomija amministrattiva nazzjonali, il-proċess ma jinkludi l-ebda prova li tista' tirrendi l-proċeduri ta' verifika differenti mhux adegwati fil-kuntest globali tal-verifika inkwistjoni.

132. Dawn il-kundsiderazzjonijiet relatati mal-proporzjonalità tal-azzjoni tal-Qorti tal-Awdituri fil-kuntest tal-verifika kkonċernata jistgħu jiġu spjegati permezz ta' analiżi tal-kritika li l-Gvern Ġermaniż għamel fir-rigward tal-konstatazzjonijiet differenti tal-Qorti tal-Awdituri inklużi fir-Rapport Speċjali Nru 8/2007 tagħha.

133. Skont il-Gvern Ġermaniż, ir-Rapport Speċjali Nru 8/2007 jinkludi evalwazzjonijiet tal-metodu organizzattiv kif ukoll tal-kompetenzi ġuridiċi tal-amministrazzjonijiet tal-finanzi fl-Istati Membri differenti li jikkostitwixxu ndħil inammissibbli u, għaldaqstant, sproporzjonat, fil-kompetenzi tal-Istati Membri. F'dan ir-rigward, il-Gvern Ġermaniż jikkritika b'mod partikolari l-fatt li, fil-punti 38 *et seq* tar-Rapport Speċjali tagħha, il-Qorti tal-Awdituri indirizzat l-istruttura organizzattiva tal-uffiċċji ċentrali ta' kollegament fl-Istati Membri eżaminati u kkonstatat, *inter alia*, li l-kompiti tal-uffiċċju ċentrali ta' kollegament Ġermaniż kienu tqassmu bejn tliet unitajiet tal-Uffiċċju Federali Ċentrali tat-Taxxa, wieħed ibbażat f'Bonn, u t-tnejn l-oħra f'Saarlouis [70]. Il-Gvern Ġermaniż jilmenta wkoll li, fil-punti 22 *et seq* tar-Rapport Speċjali, il-Qorti tal-Awdituri tikkonstata li l-Istati Membri ma sfruttawx suffiċjentement il-possibbiltajiet offruti, b'mod fakultattiv,

70 — Minkejja li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja rrifjutat li tikkoopera mal-Qorti tal-Awdituri fil-verifika inkwistjoni, ir-Rapport Speċjali Nru 8/2007 jinkludi wkoll dikjarazzjonijiet u osservazzjonijiet fir-rigward tal-uffiċċju ċentrali ta' kollegament Ġermaniż u dwar l-effikaċja tiegħu. Dawn id-dikjarazzjonijiet u l-osservazzjonijiet huma bbażati fuq konstatazzjonijiet li jirriżultaw minn missjonijiet ta' verifika mwettqa fi Stati Membri oħra, fuq informazzjoni miksuba waqt il-missjonijiet ta' verifika mwettqa fil-Kummissjoni, u fuq rapporti disponibbli pubblikament; ara l-punt 22 ta' dawn il-konklużjonijiet.

mir-Regolament Nru 1798/2003 fir-rigward tad-deċentralizzazzjoni.

134. Il-kritika tal-Gvern Ġermaniż dwar il-proporzjonalità tal-azzjoni tal-Qorti tal-Awdituri ma hijiex konvinċenti.

135. Għalkemm il-Gvern Ġermaniż jenfasizza ġustament li, meta analizzat il-metodu organizzattiv kif ukoll il-kompetenzi ġuridiċi tal-amministrazzjonijiet tal-finanzi nazzjonali, il-Qorti tal-Awdituri vverifikat deċiżjonijiet tal-Istati Membri kkonċernati li ma jistgħux iqajmu oġġezzjonijiet fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, madankollu, minn dan ma jistax jiġi dedott li l-Qorti tal-Awdituri kienet eżerċitat b'mod sproporzjonat il-kompetenzi ta' verifika li huma kkonferiti lilha.

136. B'mod partikolari, f'dan ir-rigward għandu jiġi enfasizzat li d-dikjarazzjonijiet dwar id-deċentralizzazzjoni insuffiċjenti huma initiżi sabiex jispjegaw għaliex il-possibbiltajiet għal skambji ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, fis-sens tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1798/2003, ma humiex sfruttati b'mod partikolarment intensiv [71]. L-analiżi tal-istruttura organizzattiva tal-uffiċċju ċentrali ta' kollegament Ġermaniż, min-naħa l-oħra, tagħmel parti mill-kuntest tal-eżami tal-konstatazzjoni li nofs it-talbiet għal informazzjoni abbażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1798/2003 ġew imwieġba tard [72]. Il-Qorti tal-Awdituri tinnota f'dan ir-rigward li, f'ċerti Stati Membri b'numru kbir ħafna ta' tweġibiet tardivi, id-dewmien u l-problemi fil-verifika huma wkoll ikkawżati mill-istruttura organizzattiva kkumplikata [73]. L-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi kif ukoll il-Ġermanja jissemmew bħala eżempju ta' Stati Membri li għandhom struttura organizzattiva kkumplikata [74].

137. Mill-punti li għadhom kemm ġew spjegati jirriżulta b'mod ċar li l-analiżi, li hija kkritikata mill-Gvern Ġermaniż, tal-metodu organizzattiv kif ukoll tal-kompetenzi ġuridiċi tal-amministrazzjonijiet tal-finanzi nazzjonali tilħaq b'mod koerenti u sistematiku l-għan tal-verifika li jikkonsisti f'li jiġu evalwati l-iskambji ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, kif ukoll l-istrutturi u l-proċeduri amministrattivi stabbiliti għal dan il-għan, mil-lat tal-effikaċja tagħhom. Meta jittieħed inkunsiderazzjoni dan l-għan tal-verifika, dawn l-analiżijiet tal-Qorti tal-Awdituri huma wkoll neċessarji sabiex jiġu interpretati u spjegati l-insuffiċjenzi oġġettivament ikkonstatati fil-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi.

138. B'mod partikolari billi l-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri kkontestati

71 — Punti 19 *et seq* tar-Rapport Speċjali Nru 8/2007.

72 — *Ibidem*, punti 24 *et seq*.

73 — *Ibidem*, punt 38.

74 — *Ibidem*, punti 39 sa 41.

mill-Gvern Ġermaniż jagħmlu parti minn verifika tal-prestazzjoni, li fiha l-Qorti tal-Awdituri tenfasizza diversi drabi l-konformità tad-deċiżjonijiet ikkritikati mad-dritt tal-Unjoni [75] u b'hekk tiċċara li minn dawn l-analiżijiet ma jista' jinsilet l-ebda lment, fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, kontra l-Istati Membri kkonċernati, l-imsemmija konstatazzjonijiet lanqas ma jikkostitwixxu interferenza sporporzjonata tal-Qorti tal-Awdituri fl-isfera ta' kompetenza tal-Istati Membri [76].

139. F'dawn il-kundizzjonijiet, huwa inkontestabbli, fil-fehma tiegħi, li l-analiżi tat-tqassim tal-kompetenzi bejn id-diversi servizzi amministrattivi nazzjonali kif ukoll tal-istruttura organizzattiva tal-uffiċċji ċentrali ta' kollegament, li l-Qorti tal-Awdituri għamlet permezz ta' verifika tal-prestazzjoni, hija wkoll proporzjonata.

140. Abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, nikkonkludi li l-Qorti tal-Awdituri osservat il-prinċipju ta' proporzjonalità kemm fuq il-livell tal-kunċett ġenerali kif ukoll fuq dak tal-organizzazzjoni konkreta, tat-twettiq kif ukoll tar-riżultat tal-verifika tagħha tal-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud abbażi tar-Regolament Nru 1798/2003.

E — *Fuq in-nuqqas tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja li twettaq l-obbligi ta' kooperazzjoni li hija għandha fil-konfront tal-Qorti tal-Awdituri*

141. Meta, bħal f'dan il-każ, il-Qorti tal-Awdituri tiddeċiedi, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi kkonferiti lilha u b'osservanza tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità, li twettaq verifika tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud, l-Istati Membri huma marbuta b'obbligu li jikkooperaw b'mod leali mal-Qorti tal-Awdituri.

75 — Il-Qorti tal-Awdituri tagħti bidu għall-analiżi tagħha tan-nuqqas ta' trasferiment tal-kompetenzi lis-servizzi territorjali billi tikkonstata li t-trasferiment territorjali li ma seħħx jikkostitwixxi opzjoni offruta mir-Regolament (punt 22 tar-Rapport Speċjali Nru 8/2007). Il-kunsiderazzjonijiet li saru fl-imsemmi rapport speċjali dwar l-istruttura organizzattiva tal-uffiċċji ċentrali ta' kollegament ma jmorrux lil hinn mill-konstatazzjoni ġenerali li, f'ċerti Stati Membri li saru żjarat fihom fejn in-numru ta' tweġibiet tardivi kien kbir ħafna, dan id-dewmien kien ukoll dovut għal struttura organizzattiva kkumplikata.

76 — Għaldaqstant, fil-partijiet ikkontestatati tal-verifika, huwa importanti li l-Qorti tal-Awdituri evalwat mhux il-legalità imma l-effiċjenza tal-metodu organizzattiv kif ukoll tal-kompetenzi ġuridiċi tal-amministrazzjonijiet tal-finanzi nazzjonali. Fil-fatt, l-għażla tal-kriterju ta' verifika li l-Qorti tal-Awdituri tapplika sabiex tevalwa l-azzjoni tal-Istati Membri jkollha effett fuq l-intensità ta' interferenza eventwali fl-isfera ta' kompetenza tal-Istat Membru vverifikat. Jidher ċar li, verifika tal-legalità tal-azzjoni tal-Istati Membri tista' tikkostitwixxi interferenza ferm iktar b'saħħitha fl-isfera ta' kompetenza tal-Istati Membri minn verifika tal-effiċjenza ta' din l-azzjoni. Filwaqt li verifika tal-legalità mwettqa mill-Qorti tal-Awdituri tirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk l-Istati Membri jkunux eżerċitaw il-kompetenzi tagħhom f'konformità mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, il-verifika tal-prestazzjoni fil-fatt tirrigwarda l-kwistjoni – inqas gravi minn lat purament ġuridiku – dwar jekk miżuri nazzjonali humiex effikaċi, u dan indipendentement mill-konformità tagħhom mad-dritt tal-Unjoni.

142. L-obbligi ta' kooperazzjoni korrispondenti tal-Istati Membri jirriżultaw, qabelxejn, mid-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Artikolu 248(3) KE[77]. Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 248(3) KE, il-verifika għandha tkun ibbażata fuq dak li jkun irreġistrat u, jekk ikun meħtieġ, imwettqa fuq il-post fl-Istati Membri, bi ftehim mal-istituzzjonijiet nazzjonali tal-verifika jew, jekk dawn ma jkollhomx is-setgħat meħtieġa, mad-dipartimenti kompetenti nazzjonali. Il-Qorti tal-Awdituri u l-istituzzjonijiet nazzjonali tal-verifika tal-Istati Membri għandhom jikkooperaw fi spirtu ta' fiduċja waqt li jippreservaw l-indipendenza tagħhom. Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 248(3) KE, l-istituzzjonijiet nazzjonali tal-verifika jew, jekk dawn ma jkollhomx is-setgħat meħtieġa, id-dipartimenti nazzjonali kompetenti, għandhom jgħaddu lill-Qorti tal-Awdituri, fuq talba tagħha stess, kull dokument jew informazzjoni meħtieġa biex twettaq ix-xogħol tagħha.

143. Minbarra l-obbligi ta' kooperazzjoni espressament ipprovduti fl-Artikolu 248(3) KE, l-Istati Membri huma wkoll suġġetti għall-obbligu ġenerali ta' kooperazzjoni leali mal-Qorti tal-Awdituri abbażi tad-dispożizzjonijiet maqgħuda tal-Artikoli 10 KE, u 248(1) u (2) KE.

144. Ir-Regolament Nru 1605/2002, li ġie adottat abbażi tal-Artikolu 279 KE, jinkludi wkoll, f'dan il-kuntest, regoli dwar il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Qorti tal-Awdituri. B'hekk, l-Artikolu 140(2) ta' dan ir-regolament jipprovdi li l-verifika fl-Istati Membri għandha titwettaq flimkien mal-istituzzjonijiet nazzjonali ta' verifika jew, jekk dawn ma jkollhomx is-setgħat meħtieġa, mad-dipartiment nazzjonali responsabbli u l-Qorti tal-Awdituri u l-istituzzjonijiet nazzjonali ta' verifika tal-Istati Membri għandhom jikkooperaw fl-ispirtu tal-fiduċja waqt li jżommu l-indipendenza tagħhom.

145. Meta jititeħdu inkunsiderazzjoni dawn ir-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, ir-rifjut tal-uffiċċju ċentrali ta' kollegament Ġermaniż, tal-Ministeru Federali tal-Finanzi kif ukoll tal-Qorti tal-Awdituri Federali li jippermettu lill-Qorti tal-Awdituri twettaq il-verifika inkwistjoni u li jgħinuha sabiex tagħmel dan huwa analizzat, kif sostniet il-Kummissjoni fir-rikors tagħha, bħala ksur min-naħa tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja tal-Artikolu 10 KE, moqri flimkien mal-Artikoli 248(1) u (2) KE u 248(3) KE u mal-Artikolu 140(2) tar-Regolament Nru 1605/2002.

146. Fir-rikors tagħha, il-Kummissjoni madankollu tilmenta wkoll li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja kisret l-Artikolu 142(1) tar-Regolament Nru 1605/2002, li jipprovdi li l-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet l-oħra, il-korpi li jamministraw id-dħul jew l-infiq

77 — Għal analiżi partikolarment istruttiva tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 248(3) KE, fil-kuntest tat-twettiq ta' verifiki mill-Qorti tal-Awdituri fl-Istati Membri, ara J. Inghelram,„*op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 26, p. 138 *et seq*).

f'isem il-Komunitajiet u l-benefiċjarji finali tal-pagamenti mill-baġit għandhom jagħtu lill-Qorti tal-Awdituri l-faċilitajiet kollha u jagħtuha l-informazzjoni kollha li l-Qorti tal-Awdituri tqis li tkun meħtieġa għat-twettiq tad-doveri tagħha.

147. Mill-fatti jirriżulta li dan il-motiv jista' jinftiehem biss fis-sens li korpi li jamministraw id-dħul f'isem l-Unjoni rrifjutaw kooperazzjoni leali lill-Qorti tal-Awdituri. Madankollu, il-Kummissjoni ma spjegatx liema korpi Ġermaniżi, fil-kuntest tat-talba għal verifika tal-Qorti tal-Awdituri, jistgħu jiġu kkunsidrati bħala li "jamministraw id-dħul f'isem l-Unjoni". Meta jittieħed inkunsiderazzjoni li, minkejja l-armonizzazzjoni f'dan il-qasam, it-taxxa fuq il-valur miżjud hija meqjusa bħala taxxa nazzjonali li, bħala prinċipju, tingħabar skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali [78], la l-uffiċċju ċentrali ta' kollegament u lanqas il-Ministeru Federali tal-Finanzi ma jistgħu, f'dan il-kuntest, jiġu kkunsidrati, qabelxejn bħala korpi li jamministraw id-dħul f'isem l-Unjoni.

148. Billi fil-kuntest ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu abbażi tal-Artikolu 258 TFUE hija l-Kummissjoni li għandha tistabbilixxi l-allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u li għandha tipproduċi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja l-elementi kollha neċessarji sabiex din tal-aħħar tkun tista' tevalwa l-kawża [79], u peress li l-Kummissjoni ma wettqitx dan l-obbligu fir-rigward tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu invokat skont l-Artikolu 142(1) tar-Regolament Nru 1605/2002, dan il-motiv għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

## VIII — Sinteżi

149. Fi ftit kliem, nikkonkludi li l-Qorti tal-Awdituri għandha s-setgħa, abbażi tal-Artikolu 248(1) u (2) KE, kif ukoll tal-Artikolu 140(2) tar-Regolament Nru 1605/2002, tivverifika l-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud abbażi tar-Regolament Nru 1798/2003. Meta eżerċitat din il-kompetenza ta' verifika, il-Qorti tal-Awdituri osservat kemm il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif ukoll dak ta' proporzjonalità. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għaldaqstant kienet obbligata, abbażi tal-Artikolu 248(3) KE u tal-Artikolu 10 KE moqri flimkien mal-Artikolu 248(1) u (2) KE, kif ukoll abbażi tal-Artikolu 140(2) tar-Regolament Nru 1605/2002, tippermetti lill-Qorti tal-Awdituri twettaq din il-verifika u li

78 — Ara l-punt 57 ta' dawn il-konklużjonijiet.

79 — Ara s-sentenzi tat-13 ta' Novembru 2007, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-507/03, Ġabra p. I-9777, punt 33); tas-6 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs L-Isvezja (C-438/07, Ġabra p. I-9517, punt 49); tad-29 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja (C-246/08, Ġabra p. I-10605, punt 52); u tad-29 ta' April 2010, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-160/08, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 25, punt 116).

tagħtiha sostenn leali, f'konformità ma' dak li jipprevedu dawn id-dispożizzjonijiet.

**IX — Fuq l-ispejjeż**

150. F'dawn il-kundizzjonijiet, hemm lok li r-rifjut tal-uffiċċju ċentrali ta' kollegament, tal-Ministru Federali tal-Finanzi u tal-Qorti tal-Awdituri Federali li jippermettu lill-Qorti tal-Awdituri twettaq il-verifika tal-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud u li jagħtuha s-sostenn tagħhom biex tagħmel dan, jiġi kkunsidrat bħala nuqqas min-naħa tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja li twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 10 KE moqri flimkien mal-Artikolu 248(1) u (2) KE, taħt l-Artikolu 248(3) KE u taħt l-Artikolu 140(2) tar-Regolament Nru 1605/2002.

151. Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja tilfet essenzjalment fir-rigward tal-motivi tagħha, hemm lok li hija tiġi ordnata tbati l-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni. Skont l-Artikolu 69(4) tar-Regoli tal-Proċedura, l-istituzzjonijiet intervenjenti fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

**X — Konklużjoni**

152. Fid-dawl tal-analiżi preċedenti, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

1) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 10 KE moqri flimkien mal-Artikolu 248(1) u (2) KE, taħt l-Artikolu 248(3) KE u taħt l-Artikolu 140(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, tal-25 ta' Ġunju 2002, rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, billi

rrifjutat li tippermetti lill-Qorti tal-Awdituri twettaq verifiki, fil-Ġermanja, dwar il-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud abbażi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1798/2003, tas-7 ta' Ottubru 2003, dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 218/92 u li tagħtiha s-sostenn tagħha sabiex tagħmel dan.

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

3) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hija kkundannata għall-ispejjeż.

4) Il-Parlament Ewropew u l-Qorti tal-Awdituri Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.